*"Fil-Lsien Malti l-ġieh tan-Nazzjon Maltija"*

IR-RABA' KTIEB — DIĊEMBRU
TAS-SBATAX-IL SENA — 1941

# IL-MALTI

QARI

LI TOHROĠ

## Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"

KULL TLIET XHUR

## [ GHADD SPEĊJALI ]

**DUN KARM, L-AKBAR POETA NAZZJONALI TAGHNA**

**IL-ĠMIEL LETTERARJU FIL-POEŻIJA TA' DUN KARM**

---

DUN KARM
PROF. DUN P.P. SAYDON
ĠUŻÈ CHETCUTI
Dr. ĠUŻÈ GALEA, M.D., D.P.H.
A. CREMONA
P. ALB. M. GRECH, O.P.
KARMENU SANT

**Direttur : Mons. Dun KARM PSAILA**

**Asst. Direttur : Ġużè Chetcuti**

---

**Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6**

**Kull xorta ta' kitba tinbagħat lil Ġużè Chetcuti, "Empire Press", 266, Triq San Pawl, il Belt.**

**Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat lill-Avukat A. Buttigieg, B.A., LL D. 266, Triq San Gejtanu, Ħamrun jew lil K. Buttigieg, Empire Press, Il-Belt. Mal-ħlas tingħata l-irċevuta.**

## X'FIH DAN IL-GĦADD


| | |
|---|---|
| Dun Karm | P. P. Saydon |
| *Il-lum* | Dun Karm |
| *Il-Għanja taṣ-Sebgħin* | ,, ,, |
| Dun Karm (Tifkiriet) | A. Cremona |
| *Lil Ġ. Chetcuti* | Dun Karm |
| 'V' li tfisser Vittorja | Ġ. Galea, M.D.,D.PH. |
| *Għanja tal-Milied* | Mag. |
| 'Sopra una conchiglia fossile' ta' Zanella w 'Il-Musbieħ tal-Mużew' ta' Dun Karm | K. Sant |
| *Xewqa fil-Milja ta' Ħajti* | M. Agius |
| *Minn Dawl il-Qalb* | Ġ. Chetcuti |
| *It-Tarbijà Rieqda* | ,, ,, |
| Mill-Ħerba tal-Ġebel għall-Qawma tar-ruħ | A. Cremona |
| *Il Għelma tal-Ħelsien* | Ġ. Chetcuti |
| Il-Ġmiel letterarju fil-poeżija ta' Dun Karm | ,, ,, |
| Is-Sur Fons M. Galea | ,, ,, |
| Alla w Art Twelidna | ,, ,, |
| It-Traduttur Anzjan tal-Malti "Razju Vidal" | |
| Werrej tas-Sbatax-il Sena. | |

# JIEN U NAQRA L-POEŻIJA TA' DUN KARM



(Misluf mill-"Berqa")

Meta fuq ħsiebi jaqa' d-dlam u nħossni
Mifni bil-għeja fid-dagħbien tal-ħajja,
Meta, qalil, il-Hemm bla ħniena jrossni,
U nara, mnikket, għaks u ġuħ bil-qtajja',
Nintilef dak il-ħin u ninsa d-dwejjaq
Fil-Wisa' kollu dwal ta' poeżija:
Il-poeżija l'int għannejt lill-ħlejjaq,
U biha rfajt fil-ġieħ Malta Maltija.

Dun Karm, poeta, qatt ma tintemm miegħek
L-Għanja li taf, tgħidx kemm! xi jsarraf dmugħek.
Le, l-Għanja tibqa' tgħix: fil-qabar tiegħek
Ma tindifinx—għax dik xrara minn ruħek.
Hi tibqa' tixgħel ma' kull ġidd l-imħabba
Lejn dan l-Ilsien li f'ħoġrok rajt jitrabba.

ĠUŻE CHETCUTI

16 ta' Jannar, 1942.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | DIĊEMBRU 1941

## DUN KARM

### L-AKBAR POETA NAZZJONALI TAGĦNA

Sebgħin sena! Għomor sabiħ! U isbaħ jidher jekk mal-għadd tas-snin tissieħeb ħedma twila daqsu, ħedma mnebbħa minn ħsieb għoli, mirfuda minn twemmin qawwi, imdawla minn idijal qaddis. Għax il-ħajja hija ħedma; u l-bniedem, maħluq minn Alla u mqiegħed qalb oħrajn bħalu, għandu, jekk irid igħix ħajtu tajjeb, jaħdem għal Alla u għal għajru.

Dawn il-kelmiet jiġbru fihom il-ħajja ta' Dun Karm li fit-18 ta' Ottubru li għadda għalaq 70 sena. Dun Karm ħabb lil Alla u ħabb lil għajru. Alla u Malta huma ż-żewġt idwal li għal 70 sena mexxew il-passi ta' Dun Karm; huma żewġ ħoloq, waħda ġo l-oħra, li ġo fihom jagħalqu l-ħedma ta' ħajtu kollha. Mhux tifħir fieragħ dan, imma l-kelma li toħroġ mill-qalb ta' kotra żgħażagħ u kbar li darba jew oħra ħassew fihom kemm tiswa l-ħedma tiegħu, sewwa jekk parir fuq kitba letterarja, sewwa jekk kienet biss tbissima jew kelma ħelwa minn fommu għasli. U għalhekk aħna li ħassejna aktar mill-qrib il-qawwa tal-ħedma tiegħu ngħaqadna madwaru biex nifirħulu u nixtequlu bil-qawwa kollha ta' qalbna għomor itwal għall-ġieħ ta' Alla u għall-ġid ta' Malta.

Dun Karm qassis u poeta, ħaddiem fil-qasam ta' Alla u ħaddiem fil-qasam tal-letteratura. Aħna hawn

inqisuh biss bħala kittieb għalkemm il-kitba tiegħu bilkemm tista' tifridha mill-ħedma tiegħu ta' qassis. Bħala kittieb Dun Karm hu poeta, poeta kbir, l-akbar poeta Malti. Twieled poeta; f'żgħużitu kiteb ġmiel ta' versi bit-Taljan imfaħħrin saħansitra minn Taljani; fi rġulitu, mis-sena 1912 sal-lum, kiteb bil-Malti biss. Fuq il-ġmiel letterarju tal-poeżija ta' Dun Karm inħallu li jitkellem ħaddieħor. Hawn ngħidu biss li Dun Karm bil-poeżija tiegħu għolla l-Isien Malti mhux biss f'għajnejn il-barranin li qraw maqlubin fi lsien ieħor ħafna mill-poeżijiet tiegħu, imma f'għajnejn l-egħdewwa wkoll li stagħġbu u tbikkmu meta raw li bil-Malti tista' tinkiteb poeżija bħalma hi "Il-Jien u lilhinn Minnu." Dun Karm għolla ġieħ il-Malti, u bis-saħħa tiegħu l-għanja Maltija nstemgħet tidwi f'bosta pajjiżi. Barra mill-poeżija li kiteb, Dun Karm ġibed u mexxa warajh fit-triq tal-poeżija kotra ta' żgħażagħ li, msaħħrin mill-ġmiel tal-għanja tiegħu, tħajru jgħannu huma wkoll it-tfawwir ta' qalbhom żagħżugħa. U hu, l-Poeta, l-Imgħallem, il-Ħabib, il-Missier, b'sabar u b'imħabba tal-għaġeb, iwieżen lil dawk iż-żgħażagħ fl-ewwel tiġrib tal-għana, jagħmlilhom il-qalb, iħajjarhom u dejjem bi tbissima fuq xufftejh u l-hena jiddi f'għajnejh. Ħadem għall-Malti Dun Karm u l-ħedma tiegħu ma sfatx fix-xejn.

Bħala kittieb ta' proża, Dun Karm ma għandux post għalih. Ma kitebx wisq, u l-ftit li kiteb tħoss fih dik ix-xejra ta' poeżija li toħroġ weħidha minn qalb il-kittieb. Il-proża ta' Dun Karm, għal dak li huma ħsebijiet u xbihat, aktar joqogħdilha l-isem ta' poeżija. Ara fost l-oħrajn il-"Leġġenda ta' *I Sepolcri*".

Dun Karm, bħal kittieba oħra tal-Malti, kellu l-egħdewwa tiegħu, u għax kien kittieb kbir, l-egħdewwa kienu kbar u ħorox. Riedu jħabblu l-ħedma tiegħu ma' fehmiet li fihom ma kienx imdaħħal; riedu jitfgħu għajb

fuq ismu; imma Hu żamm dejjem sħiħ. Fehmitu kienet safja, ma kellux u la mniex jistħi u lanqas mniex jibża'. Għalkemm qalbu, li dejjem ħabbet, weġġgħet, hu ħafer l-egħdewwa, baqa' miexi fit-triq li kien fiha, u t-tajn li tefgħulu tar lura minn fuqu u ħammeġ lil min tefagħhulu. Qalb ta' min iħobb 'l Alla u 'l għajru.

P. P. SAYDON

# IL-LUM

( LILL-KWIEKEB )

O kwiekeb tas-smewwiet, jien naf li rajtu
Għamil aħrax fil-ġrajja tal-bnedmin,
U rgħextu meta Abel ħallasha b'ħajtu
L-għira miġnuna minn ta' ħuh Kajjin;

U nstartu wara sħab iswed, għax stħajtu
Meta slaten qattiela w ħallelin
Ħammru xmajjar bid-demm u n-nisa għajtu
Għajjat ta' ħasra fuq il-maqtulin:

Iżda jien naħseb illi qatt kefrija
Hekk ħarxa u bierda, hekk melliesa w ħajna
Ma dehret bħal tal-lum qalb ġnus jew bhejjem;

U ma nistagħġeb xejn jekk imbikkija,
Għajnejn sbieħ tas-smewwiet, fil-għajb ta' wrajna
Tingħalqu u tibqgħu magħluqin għal dejjem.

DUN KARM.

Novembru, 1941.

# IL-GHANJA TAS-SEBGHIN

## ( DANA XIN HU ? )

Qomt mill-mejda fejn kont nikteb,
Għax għajnejja bħal għejjew;
Bdejt nogħrokhom b'dah'r subgħajja,
Għax ħassejt bħal żrar hemm ġew,
U jien għidt :
Dana xin hu ?

Biex inserraħ lil għajnejja
Ħadt ftit ilma mill-buqar,
U xarrabthom ħelu ħelu...
Iżda qajla sfaw aħjar,
U jien għidt :
Dana xin hu ?

Ħriġt fil-beraħ; kien hemm żiffa
Friska, tfuħ b'riħet il-ward,
Iżda jien ħassejtha kiesħa
U bħal bdejt inħoss il-bard,
U jien għidt :
Dana xin hu ?

Biex intaffi dik 'il-kesħa
Bdejt interraq 'l hawn u 'l hemm :
Swieli ftit, iżda f'idejja
Ma wasalx is-sħun tad-demm.
U jien għidt :
Dana xin hu ?

Ħaffift iżjed; ħassejt mewġa
Ta' demm fietel tiġri miegħi,
Iżda n-nifs beda jonqosni,
U ħassejt tnemmil fi driegħi,
U jien għidt :
Dana xin hu ?

U xħin ħtieġli naqbad telgħa
Qalbi għaġġlet it-taħbit;
Għalkemm xtaqt noħroġ ta' raġel,
Kelli nieqaf għal xi ftit.
U jien għidt:
Dana xin hu?

Hawn iltqajt ma' ħabib tiegħi,
Għaqli, mdaħħal sew fiż-żmien:
Fis għarraftu ħaġa b'ħaġa
Kull ma kont inġarrab jien.
U jien għidtlu:
Dan xin hu?

Hares ħarsa ġewwa wiċċi
B'daħka ħelwa fuq xofftejh;
Mill-but ħareġ in-nuċċali,
Qegħdu sewwa qrib għajnejh;
Trid taf, qalli.
Dan xin hu?

Dan, ħabib, hu frott fi żmienu,
Frott is-siġra tax-xjuħija:
Int għalaqt is-sebgħin sena,
Frott minn dan tiekol fil-bqija,
Issa taf
Dana xin hu.

Imma jiena qomt fuq tiegħi
U din fehmti bdejt nurih
Illi qabel tiġi Censa
Jien ma rridx, ma rridx nixjieħ:
Ma nżidx ngħid:
Dana xin hu?

DUN KARM

3/XII/'41

# DUN KARM

## TIFKIRIET

Donnu Ibierah. Mad-disgħa u erbgħin sena ilu. Jien tifel ta' xi 12-il-sena u Dun Karm żagħżugħ ta' xi 20. Konna s-Seminarju tal-Furjana flimkien. Jien mażżgħar u hu mal-kbar. Jien għadni ġej mill-Kulleġġ tal-Ġeżwiti ta' Għawdex u hu kien għadu s-Siminarju wasal biex itemm l-istudji tiegħu. Jien li moħħi kien għadu frisk sewwa u magħġun bl-ewwel tagħlim fuq sisien sħaħ, l-iktar tal-Isien Taljan, kont sibt, fil-wiċċ dħuli u mġiba lventa iżda għaqlija ta' Dun Karm, il-ħabib li nissel fija l-ewwel xrariet għal-letteratura, li dik il-ħabta fil-qasam tas-sistema ta' tagħlim tas-Siminarju, l-iktar li taħkem kienet dik tal-Letteratura Latina u Taljana. L-ewwel ma laqtuni kienu l-versi tiegħu li fuqhom kont nogħxa, meta, wara li jsejjaħli, kien jaqrahomli; u fost oħrajn l-iktar li kienu għoġbuni, u bqajt inżommhom f'rasi, kienu l-versi liriċi "A Cristoforo Colombo" li jibdew: *Ampio pensier mirifico, genio, virtù grandiose*, eċċ.

Malli moħħi beda jinfetaħ u jitħarreġ, dlonk itteħid; minn dik il-marda, biex ngħid hekk, ta' tħarbix ta' versit ingħidlu tħarbix, għax għaż-żmien li kelli ma stajtx ħlief noħroġ versi mħarbxin: widna kelli, ħjiel mhux inqas, u l-kelma mhux dgħajfa għalkollox iżda ħrara wisq u wisq iżjed, u, niftakar, Dun Karm kien l-ewwel wieħed li wrieni kif għandi nkejjel b'subgħajja u nqabbel. Kull fejn kont inkun, fl-iskola, fl-istudju, waqt il-logħob, fis-sodda qabel ma nagħlaq għajnejja, moħħi dejjem ihewden biex joħloq u jqabbel xi vers, u għalkemm imħabba f'hekk ġew waqtiet li kont warrabt kull studju ieħor, jien ma jisgħobbinix li Dun Karm kien nissel fija din ix-xorta ta' mħabba u ġenn għall-poeżija.

Dun Karm kien il-poeta maħluq u magħruf b'hekk fost l-egħref nies tal-Gżira ta' dik il-ħabta, minn mindu kellu mal-20 sena u xi ħaġa fuqhom; kittieb ta' dik il-qatgħa ta' poeżija klassika li sa dak iż-żmien kienet għadha tixgħel u tiddi bl-aqwa xrariet ta' l-iskola ta' l-Alfieri, Monti u Manzoni, u jekk toqgħod tifli l-ġabra ta' l-ewwel versi ta' Dun Karm—*Foglie d'Alloro 1896*—għandek issib li bħala student ta' Del Ricco, li kien professur tal-Letteratura Taljana fis-Siminarju, huwa kien ix-xbieha tal-poeżija mexxejja, iżda għolja u allegorika, li ddoqq ħafna fil-widna u li kie-

net laħqet għaxet tajjeb sal-bidu ta' dan is-seklu. Sew sew meta dehret il-ġabra ta' poeżijiet tiegħu, il-poeżija moderna kienet, bil-versi magħqudin u qawwija ta' Carducci, bdiet tħajjar lil xi wħud miż-żgħażagħ tagħna, li 'l hawn u 'l hinn kienu bdew isemmgħulna xi taqbil fuq ir-ritmika ta' l-iskola l-ġdida. Iżda, milli jidher, Dun Karm baqa' fuq hekk marbut mad-drawwiet il-qodma ta' dik is-sengħa u qatt ma għoġbitu il-fasla tal-*moda l-ġdida* li kienet daħlet fil-prosodija Taljana.

Dun Karm kien żagħżugħ li jħobb ukoll iħabbel moħħu fuq studji oħra, ta' ilsna u xjenzi naturali, kif ukoll ta' l-arti tad-daqq. Qalbu kienet għadha safja mill-qerq u dwejjaq tad-dinja, dejjem fuq ruħu u moħħu bla xejn tfixkil jaqbad daqs kalamita, u ma kienx ikun hemm logħba ta' taħbil il-moħħ li ma kienx jidħol għaliha u jifhimha mill-ewwel. Waqt il-ħinijiet tal-mistrieħ, kont tarah jaqbad il-mandolina u jdoqqha wara ftit żmien li jkun tgħallem in-noti.

Skond ix-xewqa ta' l-isqof Pace, li kellu wisq għal qalbu it-tagħlim tal-kleru fuq sistema moderna, is-Siminarju kienet daħlet ir-riforma ta' l-istudji bi programm tal-matrikula li bis-saħħa tiegħu, l-istudenti tas-Siminarju setgħu jirfsu l-għatba ta' l-Università u jieħdu l-gradi tal-kors akkademiku tal-Letteratura, Xjenzi u Teoloġija. F'dan il-programm ta' studji daħlu dawk tal-Matematika, Fiżika u Ingliż fuq metodi iżjed mirquma u fil-wisa' u li minnhom kien nieqes it-tagħlim fis-Siminarju ta' żmien Dun Karm. Iżda Dun Karm, għalkemm kien wasal biex jagħlaq l-istudji tiegħu u jqaddes, fil-ħinijiet battala tiegħu, tħajjar jindaħal biex jitgħallem bħalna, u f'qasir żmien tħarreġ fix-xjenzi kif ukoll fl-Ingliż, li sar jaf hekk tajjeb li f'qasir żmien wasal biex isawwar xi versi bl-Ingliż ukoll.

Dun Karm, għal dik li hi mogħdija taż-żmien, ma kienx iħassar festi, ibda mil-logħob tal-ballun, li kien daħal fostna wkoll u logħob ieħor, u spiċċa fir-rappresentazzjonijiet ta' fuq il-palk; u meta Dun Pawl Galea, il-lum Vigarju tal-Isqof, laħaq Rettur tas-Siminarju, u mat-taqliba li għamel fis-sistema ta' dixxiplina, studji, eżamijiet u ħajja kolleġjali, daħħal xi mogħdijiet taż-żmien għall-mistrieħ, ġid u taħriġ tal-moħħ taż-żgħażagħ, fosthom ġurnal jismu *La Palestra del Seminarista*, Dun Karm sab ruħu iżjed f'waqtu fil-għalqa ta' l-idejiet u ħidma letterarja tiegħu, u, milli jidher, l-edizjoni ta' dan il-ġurnal tawha f'idejh. Jien għadni niftakar sew sew dak iż-żmien lil Dun Karm jaqra Prolużjoni,

miktuba bi proża ħelwa u minsuġa tajjeb li laqtitni mhux ftit, f'waħda mill-premjazzjonijiet lill-istudenti tas-Siminarju, fejn, fost ħwejjeġ oħra ħeġġeġ lil dawk iż-żgħażagħ iwieġbu bil-ħidma tagħhom għall-għaraq u tbatijiet li kienu jgħarqu u jbatu missirijiethom biex jagħtuhom dak it-tagħlim li kien qed jiftħilhom it-trieq ta' ministeru hekk sabiħ u għoli għall-ġid ta' l-erwieħ u għar-riżq ta' art twelidna. Niftakar lil Dun Karm bħallikieku lbieraħ meta kien għoddu wasal biex jitlaq il-ħajja ta' student fis-Siminarju u jidħol ma' dawk li kienu jgħallmuna, dlonk jitħallat magħna fl-istudji ġodda, fil-logħob, u saħansitra fuq il-palk jagħmilha ta' *Bertu sar Tabib*. U la ġejna għal dana, meta kien għadu ma telaqniex għal kollox bħala wieħed minn sħabna, niftakru fil-ġranet tal-Karnival jieħu sehem magħna fir-reċti, li għalihom Dun Pawl ir-Rettur, bħala bniedem imsaħħar wara s-sengħa drammatika u jifhem tajjeb fiha, kien kull sena jħabrek biex jirnexxu u kulħadd jaqla' l-parti tiegħu; u niftakar lil Dun Karm iħażżeż f'sagħtejn il-programm, f'għamla ta' versi b'rima mbewsa, ta' kull reċta li kienet ssir fit-tlitt ijiem tal-Karnival: jiġi fuqi bħala protagonista u jistaqsini s-suġġett tad-dramm, kummidja jew farsa li tkun, u kull lejla, qabel ma jitla' s-siparju, Dun Karm, liebes l-iswed, bis-surtun u t-tomna, jaqra bil-ħeġġa kollha ta' żagħżugħ fuq ruħu dawk il-versi magħmulin bil-għaġla, xi minn daqqiet dak in-nhar stess u mitmumin ftit qabel ma tibda r-reċta. Niftakar lil Dun Karm surmast tiegħi tal-Kosmografija li hu kien jiddettalna min-noti tiegħu (noti li jien għadni nżomm b'għożża kbira) u li jien kont daqshekk inħobb nitgħallem bl-amment, ħaġa li qatt ma għamiltha f'materji oħra u li fihom fl-eżami ġibt l-aqwa marki. Niftakar ukoll meta Dun Karm, biex jagħmilli l-qalb kien bagħatli mir-raħal tiegħu daqsxejn ta' poeżija ħelwa, jisimha *Il Cuore* biex inġibha fil-ġurnal "*Il Passatempo Estivo*" li jien kont ħloqt għal mogħdija taż-żmien fostna s-Siminaristi fix-xhur tas-Sajf li konna nqattgħu fis-Siminarju tal-Imdina. Din il-poeżija l-lum taqrawha f'waħda mill-antoloġiji *Fior del Mondo*, ta' l-iskejjel tagħna.

Wara li tlaqt mis-Siminarju u meddejt għonqi għall-istudju li bih fittixt li naqla' ħobżi, ix-xbieha ta' Dun Karm għabet minn quddiem għajnejja ma' dik ta' bosta minn sħabi ta' tfuliti u żgħożiti u ta' ħbieb oħra li jiena bqajt ngħożż bħala l-egħżeż u l-isbaħ tifkiriet ta' ħajti u li dlonk nixtieqhom u noħlom bihom meta jfettilli ndawwar wiċċi lura u nikxef il-kwadru ta' l-imgħoddi. Iżda għalkemm f'dil-ħajja wieħed ikollu f'ħin jew ieħor jiġbed għal trieq u

l-ieħor għal oħra, jistgħu jingħataw ċirkustanzi, f'din id-daqsxejn ta' Għira, li xi darba wieħed jiltaqa' f'salib it-toroq fil-mixi ta' din il-ħajja, l-iktar fejn barra minn ġibdiet oħra jista' jkun hemm ħaġ'oħra iżjed qawwija li tlaqqa' moħħ ta' bniedem ma ieħor f'xi ħidma tal-ħsieb li fiha fil-bidu kienu mseħbin u li biha il-qalb kienet imħeġġa. U hekk ġara bejni u bejn Dun Karm, bejnietna t-tnejn u bejn oħrajn li fil-bidu ta' żgħużitna konna naqblu fil-ħidma tal-moħħ u f'xi waħda mix-xrariet qawwija li biha, imbagħad wara żmien, sew fix-xogħol li jdejjaq ta' kuljum kemm fil-kedda ta' qalb dejjem battala u xi mindaqqiet muġugħa, il-ħsieb jixgħel u jleħħ u jifred il-qalb mir-rabtiet tal-materjaliżmu tal-ħajja għal fuq il-ġwienaħ ta' ħolm spiritwali.

Ebda ħaġa ma laqqgħetna hekk bis-sħiħ fit-trieq ta' din il-ħajja, wara li hu, mis-Siminarju fejn kien baqa' jgħallem sab ruħu qalb il-kotba tal-Bibljoteka, bħala Assistent Bibljotekarju, u jien kont ili madwar tnax-il-sena li ħallejt l-istudji u naqla' ħobżi b'daqsxejn ta' impieg tal-Gvern, daqs dik il-ħeġġa, li baqgħet fina, tas-sengħa tal-poeżija, fih bħala farfett li kellu l-ħila jħabbat il-ġwienaħ sewwa fuq kull warda ta' l-isbaħ ġonna, u fija bħala daqsxejn ta' ferħ li donnu kien għadu kif ħiereġ mill-fosdqa u jimraħ fuq xi warda 'l hawn u 'l hinn. Dak li laqqgħana kien "Il-Ħabib", ġurnal bil-Malti li beda joħroġ mid-Dar ta' l-*Unjoni Kattolika San Ġużepp*, bil-ħsieb li jxerred l-istampa ta' kitba tajba. Bis-saħħa ta' "Il-Ħabib", li kien għalina t-tnejn l-aqwa ħabib tal-qalb, aħna ltqajna ma' xi ħbieb ta' l-istess xeħta letterarja u ngħaqadna f'nofs it-taqbida tal-ħajja f'xirka ta' ħsieb wieħed, fosthom ma' Mons. Galea, li kien qabel Rettur tas-Siminarju u l-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, id-Direttur ta' "Il-Ħabib", wiċċ qadim ta' żmien żgħużitna, u li konna nafuh is-Siminarju fejn bħala eżaminatur tat-Taljan ma kienx jonqos li jittawlilna f'xi laqgħa akkademika u f'kull premjazzjoni jew reċta. Iżda din id-darba l-lsien tal-kitba tagħna, proża jew versi, ma kienx it-Taljan, imma l-lsien Malti bħala mezz ta' tixrid ta' tagħlim li jgħodd għall-moħħ u qalb ta' wlied il-poplu, u l-iktar tan-nies tax-xogħol. Hawnhekk kien li Dun Karm, imħajjar mill-Kav. Muscat Azzopardi, flimkien mal-Professur Cuschieri, raġa' kibes bilħrara li jarġa' għas-sengħa tal-għana, iżda din id-darba l-għanjiet tiegħu ma kinux id-diwi ta' qalb żagħżugħa li tbaqbaq u ta' ħsieb li jfawwar, jittajjar u jintilef mas-smewwiet, iżda l-leħen safi tal-kelma li kien tgħallem f'ħoġor ommu u ta' ħsieb irżin iżda mhux inqas għoli ħiereġ minn

qalb li ġarrbet; u għalhekk din id-darba, bil-lsien ta' art twelidu u bil-ħsieb qawwi u sħiħ ta' rġulija, Dun Karm kien sebaq lilu nnifsu bħala poeta Malti ta' versi Taljani. Xebbah il-poeżija Taljana, li Dun Karm kien kiteb qabel sa dak iż-żmien u li baqa' jikteb 'l hawn u 'l hinn, ma' dik li ħarġet bil-Malti mill-pinna tiegħu mis-sena 1912, u inti tara illi għalkemm hija poeżija li tnisslet mill-ħeġġa poetika ta' qabel u redgħet minn ħalibha mhux ftit, din ta' l-aħħar ħarġet iżjed safja, iżjed mexxejja u naturali, u xi mindaqqiet iżjed qawwija u sħiħa fil-ħsieb u fil-kelma.

Fil-poeżija Maltija ta' Dun Karm insibu l-aqwa ġabra ta' għana Malti li bih il-letteratura Maltija setgħet tintrafa' mit-trabijiet u tiżżejjen għall-ewwel darba b'dija hekk sabiħa u tingħaqad ma' dik ta' ilsna oħra. B'hekk Dun Karm wettaq u kabbar il-ġieh tal-poeżija Maltija meta ta' dan il-ġieh kellna biss l-ewwel ħjiel fil-poeżija ta' Richard Taylor, ta' Dun Dovik Mifsud Tommasi, ta' Klement Mifsud Bonnici, ta' S. Frendo de' Mannarino, ta' Ġio Anton Vassallo, ta' Dwardu Cachia u ta' Ġużè Muscat Azzopardi.

Mat-twelid tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", fl-1921, meta Dun Karm kien ilu magħruf bħala wieħed mill-aqwa kittieba tal-lsien Malti—Għaqda li nibtet fejn inħoloq "Il-Ħabib"—l-uniku ġurnal ta' dik il-ħabta magħmul bil-ħsieb li jwettaq il-kitba tajba tal-Malti fuq sisien grammatikali u letterarju, ġurnal li fih Dun Karm kien ħawwel l-ewwel xitliet li tawna l-isbaħ ward Malti,—naraw li isem Dun Karm kien maħżuż fost dawk ta' l-ewwel nies li bil-ħidma tagħhom twaqqfet sistema ta' kitba Maltija li 'l quddiem kellha tiftaħ it-trieq għas-seħħ tat-tagħlim tal-Malti u għall-użu tiegħu akkademiku u amministrativ.

Mhix ħaġa kbira għalhekk li wara l-mewt tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Karm kien magħżul bħala President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" u Direttur tar-rivista letterarja "Il-Malti".

Hekk nafu lil Dun Karm fil-ħidma tiegħu letterarja minn madwar ħamsin sena 'l hawn—żmien li mal-għoxrin sena ta' qabel li fihom il-ħsieb tiegħu, ċkejken u żagħżugħ, trabba u tħarreġ għall-ħidma sħiħa u wtieqa ta' rġulitu—igħaqqdu s-sensiela ta' snin ta' ħajja ta' l-akbar ġieh letterarju, ħajja li nixtiqulha kull saħħa u riżq għall-ġid ta' Art Twelidna.

A. Cremona.

# LIL ĠUŻE CHETCUTI

## XEWQAT GĦALL-MILIED TA' L-1941

Ħabib,

Fi żmien ta' gwerra ħarxa
X'nibda nixtieqlek jien ?
Ħarist, ħarist madwari,
L-hena ma sibtu mkien.

L-għanja ferrieħa mietet
Fir-raba', ġo l-ibliet.
Fejn dari tisma' daħka,
Illum tnehid jew skiet.

B'dan kollu, jien nixtieqlek
L-hena ta' ruħ qawwija
Li tifhem sew x'ifisser
Alla magħmul tarbija,

Li beda minn Twelidu
Iħallas għall-ħatjin,
U ried li l-anġli jħabbru
Il-Paċi lill-bnedmin.

DUN KARM

25 / XII / '41

# 'V' LI TFISSER VITTORJA

Kien wara nofs in-nhar ta' jum mill-isbaħ fil-bidu tas-sajf u fil-villa tal-Kurunell saret festa kbira; kienet għalqet sninha Thelma, it-tifla waħdanija tal-Kurunell, u dan kien stieden il-ħbieb tagħha kollha biex jifirħu magħha. Sar għors kbir; il-ferħ u ż-żgħużija ltaqgħu flimkien u mlew il-villa bil-hena tal-ħajja; kienu mistednin Maltin u Ingliżi, tfal tal-iskola, żgħażagħ tal-professjoni, fizzjali u xbejbiet kollhom ħajja u ġmiel. Il-mistednin ma damux ma ndiehsu flimkien, għamlu ħbieb u bdew iqajjmu u jħeġġu l-laqgħa: beda jidwi d-daħk ħelu u rqiq ta' tfajliet ħfief u fuq ruħhom, kollha ħaririjiet u fwieħa, filwaqt li żgħażagħ kollhom ħeġġa u ħrara kienu dlonk iduru bix-xbejbiet, iżiegħlu bihom, iressqulhom ħelu u jgħidulhom xi ħlieqa. Kien hemm daqq u żfin u kull min sab ruħu hemm dak in-nhar kien tajjar il-ħsieb tal-gwerra minn rasu.

Fil-ġnien tal-villa, taħt is-siġar, kienu qegħdu ħafna bankijiet u pultruni tal-qasab u fuqhom ma kontx tilmaħ ħlief xi żewġ maħbuba minsubin bil-qiegħda id f'id, jew xi par żgħażagħ jieħdu t-tè, jew xi tfajliet jistennew lil sħabhom inewlulhom tejiet jew arinġati jew luminati kesħin daqs is-silġ; mill-bqija kulħadd jiġġiera fil-mogħdijiet u jitgħaxxaq bil-ġmiel tal-ward u bil-fwejjaħ tal-inwar tas-siġar tal-larinġ.

Il-ġnien kien fih daqqa ta' għajn li tgħaxxaq u tħenni: qalb il-ward u l-ħdura kienu jidhru tfajliet sbieħ daqs il-ward ta' ma' ġenbhom u ħfief daqs il-friefet li jtiru u jirgħu fuq l-inwar, u żgħażagħ fuq ruħhom, b'wiċċhom aħmar bis-sħana tax-xemx u b'għajnejhom jiddu bil-hena ta' qlubhom, kienu ġejjin u sejrin fit-trejqat tal-ġnien, iġorru gabarrejiet jew platti mburġati bil-ħlewwiet u biċ-ċejċiet.

Kien hemm dehra li tferraħ il-qlub: il-lwien tal-ilbiesi tan-nisa, il-ġmiel tal-uċuh tat-tfajliet, id-dellijiet tas-siġar mil-qutin mill-imrieżaq tax-xemx u l-leħħ tar-ram ileqq fuq l-uni-formijiet tal-fizzjali, magħqudin mad-daqq tal-orkestra, mad-daħk ferrieħi taż-żgħażagħ, mal-fwieħa tat-tfajliet u mar-riħa tal-ward, kienu jsawru dehra ta' hena u ġmiel, ta' faraġ u sliem li ma tintesiex malajr. Imxerrdin ma' kollu kemm hu l-ġnien wieħed kien jiltaqa' ma' qtajja' ta' żgħażagħ jiċċaċċraw bejniethom, jiċċajtaw u jinbxu lil xulxin, u kollha flimkien,

subien u bniet, kienu jqajmu geġwiġija ta' ferħ li tħajjar lil kulħadd għad-daħk u għall-hena.

Fil-bitħa ta' bejn il-ġnien u l-villa, kien hemm l-orkestra tar-riġment u d-daqqaqa kienu qegħdin jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex ma jħallux ir-riġlejn jitnikkru; kienu qegħdin jindaqqu l-aħħar "Fox-trots" u "Rumba", imseħbin mal-"*Lambeth Walk*" u mżewqin bir-"*Roll the Barrel,*" "*Wish me Luck*" u għanjiet oħra tal-gwerra.

Ix-xemx kienet waslet biex tinżel u l-festa kienet fl-aqwa tagħha; minħabba li wara l-għabex ma kinux jistgħu jidhru dwal, il-mistednin kienu ntefgħu bil-ħrara ta' qalbhom kollha biex igawdu mill-iżjed li jistgħu qabel ma jidlam u jkollhom jagħtu l-lejl it-tajjeb lil xulxin. Fil-bitħa ż-żfin kien sejjer b'ħeġġa li tgħaġġeb, il-ġiri fil-mogħdijiet tal-ġnien żdied fil-ħeffa, u l-laqgħat taħt is-siġar tħarrku.

Dak il-ħin Thelma, bint il-Kurunell, kienet f'rokna mwarrba tal-ġnien bil-qiegħda fuq xriek ma' ġenb Pilot tal-Ajru Ingliż. Bint il-Kurunell kienet tfajla mogħnija b'dak kollu li jseddaq xbejba: ġmiel, għana, tagħlim kienu jingħaqdu biex jagħmluha żagħżugħa li tista' tersaq quddiem kulħadd u tagħmel ġieh kull fejn tkun; kont tiltaqa' magħha kullimkien, dejjem tferraħ kull fejn tkun u dlonk tgħaxxaq lil kull min iħares lejha, dejjem liebsa hekk tajjeb li ġġib għira lil nisa oħrajn. Hi kellha ħabta li ma bħalha kif tiġbed iż-żgħażagħ għal warajha u teħdilhom rashom bi ġmielha, dejjem ferħana, dejjem daħkana, taf tmur ma' kulħadd, taf sa fejn għandha tasal fl-imġiba tagħha ma' kull min tkun; il-ħajja tagħha kienet nisġa ta' ferħ u hena, ta' faraġ u tgawdija.

Thelma kellha bosta ħbieb u kienet taf lil ħafna żgħażagħ, iżda qatt ma ħasset 'il qalbha tferfer daqs dak n-nhar li ltaqgħet l-ewwel darba ma' Derek, l-avjatur Ingliż. Dan kien żagħżugħ fuq ruħu, ħafif, irqajjaq u twil donnu molla, xagħru isfar qisu żbul id-deheb, ħuġbejh mimlijin u sofor ukoll, wiċċu aħmar bin-nemex, għajnejh żoroq li fihom tilma l-ħrara ta' qalbu, imnieħru mislut, u tbissima dejjem tilgħab fuq fommu; hu kien ta' reqqa kbira f'imġibietu, kellu xeħta ta' mqit, iżda kien imżejjen b'qalb ta' anġlu.

Dak in-nhar tal-festa, Thelma u Derek damu ħafna flimkien, donnhom ma setgħux jinfirdu minn xulxin. Bint il-Kurunell kienet sikwit tmur tilħaq mal-mistednin, iżda malajr kienet targa' ssib ruħha ma' ġenb il-Pilot tagħha; fl-aħħar

dawk iż-żewġ żgħażagħ warrbu għalihom u marru ntasbu fuq xriek taħt sigra kbira n-naħa ta' ġewwa tal-ġnien; huma kienu bil-qiegħda id f'id, għajnejhom imsammrin f'ta' xulxin, wiċċhom jiddi bil-hena ta' qalbhom.

"Tini kelmtek li ma tinsini qatt!" kien qiegħed igħid il-Pilot.

"Sakemm qalbi tibqa' tħabbat jiena nibqa' niftakar fik" wieġbet Thelma.

"Irrid ingħarraf lil missierek bil-ġibda li nħoss għalik".

Thelma ħasset tferfira f'qalbha, fawra demm telgħet għal wiċċha, ħarset bi ħrara kbira lejn Derek u fi ħbub għajnejh hija qratlu li dak li kien qiegħed igħidilha kien tassew ħiereġ minn qalbu. Bint il-Kurunell ħasset ruħha f'sakra ta' hena u baqgħet ħosbiena għal ftit tal-ħin, imbagħad: "Qabel ma ttarraf fuq hekk lil missieri, jeħtieġ li nkunu żguri minna nfusna" qalet.

Derek għafas id Thelma filwaqt li qalilha: "Jiena nemmen fl-imħabba tiegħi lejk daqs kemm nemmen li għad ikollna vittorja fuq il-għadu tagħna!"

"Dawn żmenijiet ta' niket u hemm, ta' tiġrib u taqlib!"

"Jiġri x'jiġri nibqa' nħobbok! Xejn ma jista' jitfi x-xrara ta' mħabbti lejk," qal il-Pilot b'ħeġġa kbira u biex donnu jwettaq il-qawwa ta' fehemtu qam bil-herra fuq riġlejh u medd idu fuq iz-zokk oħxon tas-siġra taż-żebbuġ li kienu taħtha, filwaqt li żied igħid: "Intix tara din is-siġra li tinfirex sħiħa u qawwija fuq iz-zokk oħxon tagħha? La rjieħ u la rwiefen ma jistgħu għaliha; hekk l-imħabba tiegħi, imsaħħa u mseddqa mill-ġibda li nħoss għalik, xejn ma jista' jitfiha u jtemmha."

Thelma baxxiet għajnejha lejn l-art, xufftejha triegħdu, imbagħad qabdet id Derek u għafsethielu fuq qalbha.

"Ix-xbieha tiegħek quddiem għajnejja aktar tħeġġiġni biex nitqabad b'ħilti kollha għall-Vittorja", qal Derek.

"Mela j'Alla l-vittorja! u ħalli din is-siġra tkun rahan tal-imħabba tagħna, dejjem sħiħa, dejjem qawwija." żiedet Thelma.

"Sakemm din is-siġra tibqa' wieqfa hekk qalbi tibqa' tħabbat biss għalik!" qal Derek u biex iħalli xhieda ħajja ta' kelmtu, ħareġ temprin mill-but u hemm, quddiem il-maħbuba tiegħu, naqax *V* fuq iz-zokk taż-żebbuġa.

* * *

Wara dak in-nofs ta' nhar, għal Thelma ġew jiem ta' hena li tgħaxxaq u dik it-tfajla ġarrbet il-ħlewwiet kollha li taf tagħti lħajja: fil-milja ta' xbubitha, maħbuba b'għożża kbira, bla ħsieb u bla għali, dik iż-żagħżugħa ħasset ġewwa fiha 'l demmha jbaqbaq u jfawwar f'sehwa ta' faraġ li ma jistax jitfisser; Derek kien miġnun għal warajha u malli jispiċċa misservizz kien dlonk itir, għal ma' ġenb il-ħanina ta' qalbu. Għal dawk iż-żewġ maħbuba l-jum kien nisġa ta' tgawdija: pranzijiet fil-Union Club tal-Belt, piknikijiet Għajn Tuffieħa, tennis il-Marsa, tejiet u żfin fil-Club tas-Sliema jew mixjiet twal qalb ir-raba' tal-Imtaħleb jew tal-Wardija. Il-ħbieb tagħhom kienu jitgħaxxqu jarawhom dejjem flimkien, u għalkemm kien hemm tfajliet li f'qalbhom kienu jħossu bħal għira għaxxorti li sabet Thelma, il-ħbieb tagħha u ta' Derek kienu bl-imħatra min jistedinhom għandu, għax l-imġiba tagħhom kienet tferraħ kull fejn ikunu.

Iżda darba bla ħsieb ta' xejn lil Derek ġietu ordni biex jitlaq malajr għall-Eġittu, fejn kienet mibgħuta l-iskwadra tiegħu. Din l-aħbar, hekk għal għarrieda, ħasdet lil Thelma, kessħetilha demmha, qalbha riedet tinqasam, għajnejha nkisru u dik it-tfajla għall-ewwel darba ġarrbet il-għawġ tal-ħajja u daqet l-imrar tal-imħabba.

Fil-ġnien tal-villa tal-Kurunell, taħt is-siġra taż-żebbuġ, fejn Derek u Thelma kienu ta' sikwit jiltaqgħu f'għaxqa ta' mħabba, dawk iż-żewġ żgħażagħ taw l-aħħar tislima qabel ma nfirdu minn xulxin. Bint il-Kurunell kienet tolfoq il-ħin kollu u l-bdot kellu għajnejh ħomor. "Taħt din is-siġra, li ebda riħ ma jista' għaliha, għad nerġgħu niltaqgħu wara l-vittorja" qal Derek b'xufftejh jirtogħdu.

"Ħu ħsieb tiegħek in-nifsek" wieġbet Thelma bi tnehida.

."Irrid ngħix għalik u għall-vittorja biss!"

"Żomm din biex iġġiblek ir-risq u biex dejjem tfakkrek f'dan li qiegħed twegħdni issa" qalet Thelma, u newwlitlu *V* ċkejkna tal-fidda.

Derek qabad bi ħrara l-*V*, biesha għal darba tnejn u mbagħad refagħha f'but marsus ma' qalbu.

* * *

Wara li telaq il-maħbub tagħha, Thelma tbiddlet bħall-lejl minn nhar; waqgħet f'sikta kbira u ma baqgħetx tissieħeb mal-ħbieb, saru jdejquha l-għagħa u d-daħk u kienet tqatta' s-sigħat taqra bil-qiegħda fuq ix-xriek taħt is-siġra taż-żebbuġ fejn moqbejl kienet tiltaqa' ma' ħaninha. Il-Kurunell beda jitħasseb fuq dik bintu u kien dlonk iħajjarha toħroġ idderri mal-ħbieb u biex iġagħalha toħroġ, billi kien hawn nuqqas ta' petrol, xtralha poni u karrettun tal-molol ħalli ddur bihom. Biex ma tiksirx qalb missierha, kif ukoll għax imbagħad bdew jaslulha aħbarijiet minn għand Derek li farrġulha xi ftit 'il qalbha, Thelma reġgħet bdiet tidher qalb il-ħbieb u minn xi daqqiet kienet ukoll tistieden lil xi żewġ tfajliet oħra biex toħroġhom dawra fuq il-poni tagħha. Imbagħad daħal is-sajf u Thelma kienet tieħu 'l sħabha jgħumu San-Pawl-il-Baħar fejn f'xi naħiet tax-xtajta kienu warrbu l-*barbed wire* biex iħallu n-nies jinżlu l-baħar.

Nhar it-tmienja ta' Settembru, jum il Vittorja, wara nofs in-nhar Thelma ħarġet tagħmel dawra fuq il-poni tagħha u saqet lejn l-Imġarr bil-ħsieb li tgħaddi minn qalb il-ġonna ta' Għajn Tuffieħa; x'ħin waslet iż-Żebbiegħ tilmaħ bidwi fuq il-qiegħa jerfa' idu lejn is-sema u juriha ħdax l-ajruplan tagħna li kienu jtiru għamla ta' V. Thelma malajr fehmet x'ried ifisser dak il-bidwi: kien ġej Air Raid. Hija ħarrket ir-riedni biex il-poni jħaffef, iżda bilkemm laħqet tbiegħdet tefgħa ta' ġebla, meta nstama' l-tnewwiħ mitfi tas-sirena tal-Imġarr.

Thelma waqfet taħt ħajt u qagħdet tistenna biex tara x'se' jiġri. Wara ftit fis-sema dehret kobba duħħan abjad qisu għamra maħluġ u minnufih instemgħet tfaqqigħa ta' balla ta' kanun, imbagħad dehru ħafna dħaħen oħra fis-sema u nstemgħu bosta tfaqqigħ. Thelma baqgħet tgħarrex lejn in-naħa ta' fejn kienu jidhru d-dħaħen fis-sema u fl-aħħar lemħet erba' ajruplani tal-għadu, żgħar qishom tikka, għaddejjin itiru b'ħeffa kbira.

Il-ħbit mill-ajru ma damx wisq, imma qabel spiċċa nħassu xi erba' theżhiżiet tal-balal li xeħet il-għadu, imbagħad in-stemgħu għaddejjin b'qawwa kbira l-ajruplani tagħna, u l-għa-du ħarab bla telf ta' żmien.

Bint il-Kurunell tat daqqa ta' għajn lejn l-arloġġ t'idha; kienu l-ħamsa ta' wara nofs in-nhar, imbagħad telqet biex

tissokta t-triq, iżda f'daqqa waħda biddlet fehmitha, ħasset bħal diqa tagħfsilha qalbha, dawret lura u reġgħet saqet lejn id-dar.

Meta qorbot lejn il-villa ta' missierha, Thelma dehrilha li n-nies kienu qegħdin iħarsu sfiq lejha; għall-ewwel ħasbet li għax rawha ssuq il-bhima weħidha u ma ħabbletx moħħha, iżda meta laħqet it-triq tal-villa, bint il-Kurunell rat ġeġwiġija ta' nies quddiem id-dar tagħha; qalbha għamlet tikk u saqet bil-ħeffa; meta waslet quddiem il-villa n-nies daru magħha bi ħrara kbira u għenuha tinżel minn fuq il-karettun tal-molol, xi ħadd wissiha biex ma teħux qatgħa għax min-nies tagħha ħadd ma kien waġġa'; iżda hija ma tat widen ta' ħadd, telqet ir-riedni minn idejha u daħlet tiġri ġewwa l-villa.

Hekk kif rifset ġewwa, Thelma sabet taħbila kbira; rat twieqi mkissrin u mfarrkin, bibien imberrħin u maqlugħin miċ-ċaċċis, l-art miksija bi frak ta' żġieġ u weraq mis-siġar tal-ġnien u sħab ta' għabra u ta' trabijiet igħatti kullimkien.

Thelma telgħet tiġri, b'nifisha maqtugħ, mat-taraġ iżda fl-ewwel liwja ltaqgħet wiċċ b'wiċċ ma' missierha.

"Xi ġralek, Pà?" staqsiet b'leħġa kbira.

"Ħadd ma ġralu xejn u anqas għandna ħsara kbira; biss waqgħet bomba fil-ġnien u ħarbtet xi erba' siġriet".

Thelma tbikkmet, wiċċha sfar, għajnejha tberrqu u xuff-tejha rtogħdu; missierha ħaseb li kien se jagħtiha reqt-ir-ruħ u qabadha bejn idejh, iżda hi f'daqqa waħda nħallet minn ħdanu, niżlet taqbeż it-taraġ, ħarġet tiġri fil-bitħa u daħlet bħal miġnuna ġewwa l-ġnien; baqgħet sejra donnha waħda mitlufa lejn iż-żebbuġa, iżda meta waslet ħdejn dik is-siġra għażiża għaliha, hija waqfet għal għarrieda u karba ta' qsim il-qalb ħarġet minn fommha: is-siġra taż-żebbuġ, xhieda tar-rabta tal-imħabba bejn Thelma u Derek, kienet intlaqtet minn balla tal-għadu u tkissret u tħarbtet; il-friegħi tqaċċtu u xterrdu mal-ġnien kollu, iz-zokk inqasam f'ħafna bċejjeċ u nqala' minn egħruqu.

Bint il-Kurunell baqgħet għal ftit tal-ħin b'għajnejha mberrqin tħares lejn dik il-ħerba ta' siġra, imbagħad waqgħet bħal dalma quddiem għajnejha, qalbha riedet tinqasam, riġ-lejha tħeddlu, tatha tixjira mejt u bilkemm felħet tersaq lejn xriek biex tistrieħ fuqu; imbagħad infexxet f'bikja ta' qsim il-qalb u ħadd ma sata' jsabbarha.

Dak il-lejl Thelma ma għalqetx għajn ma' għajn, il-kefen tad-dlam kattrilha s-swied il-qalb li kien jaħkimha, iżda anqas sbieħ il-jum ma ġebilha l-faraġ; hija baqgħet imbikkma u mbikkija, ma kellha ħajra ta' xejn u ma riedet tara lil ħadd; għajnejha dejjem ħomor u jdemmgħu, tinħasad malli jersaq xi ħadd ħdejha; u tieħu qatgħa kull meta ċċempel il-qanpiena tal-bieb ta' barra donnha kienet tistenna xi aħbar ħażina.

* * *

L-aħbar ħażina waslet wara jumejn ma' tifel b'telegramm għall-Kurunell, dan fetaħ il-karta b'taqtigħ il-qalb kbir u sab l-aħbar tal-mewt ta' Derek, il-bdot tal-ajru.

Wara ftit taż-żmien waslu aħbarijiet oħra fuq kif inqered il-maħbub ta' Thelma: fit-tmienja ta' Settembru, jum il-Vittorja, fil-ħamsa ta' wara nofs in-nhar, waqt titjira ta' tkixxif fuq il-għadu, Derek sab ruħu bejn erba' ajruplani egħdewwa u ħabat għalihom b'ħila li ma bħalha u waqqa' wieħed minnhom, iżda t-tlieta l-oħra dawruh u darbuh bin-nar tagħhom. Midrub kif kien, Derek seħħlu jeħles mill-għadu, itir lura mnejn ġie u jniżżel l-ajruplan tiegħu bla mittiefes, u fuq kollox hu kien ħa miegħu tagħrif ta' siwi kbir fuq il-qagħda tal-għadu. Il-kapijiet tagħna minnufih inqdew b'dak it-tagħrif, ħabtu għall-għadu, ħarbtuh u għamlu vittorja kbira. Imma Derek kien midrub għal mewt u ma kellux ix-xorti jistgħall il-vittorja li ntrebħet b'ħiltu.

Sħab Derek żebgħu l-ittra V fuq l-ajruplan tiegħu u qiegħdu V tal-ward fuq qabru. Kulħadd, sa l-ogħla kapijiet, faħħar 'il Derek għal qlubitu; bosta nies tkellmu fuq ħiltu u ħafna gazzetti kitbu fuq il-ħidma siewja tiegħu, iżda ħadd ħlief Thelma ma kien jaf li dak il-pilot qalbieni u s-sigra taż-żebbuġ li taħtha kien ta kelmtu, inqerdu f'ħin wieħed; madankollu kelmtu kienet seħħet. "Sakemm din is-siġra tibqa' wieqfa hekk qalbi tibqa' tħabbat biss għalik!" kien wiegħed Derek lil Thelma u dik il-wegħda twettqet.

ĠUŻÈ GALEA

# GHANJA TAL-MILIED

Inżilt minn fuq il-kwiekeb,
Sultan fl-ogħla smewwiet,
Waqaft f'nofs artna mgħabbra
B'kull għamla ta' ħtijiet,
Ġo għar mudlam u kiesaħ
Bdejt triq it-tbatijiet.

Għalfejn twelidt, kbir Alla,
Bħal bniedem mal-bnedmin?
Mhux għax il-koll kemm aħna
Tjassarna midinbin?
B'miġjitek ridt teħlisna
Ħa nsiru rwieħ henjin.

Ġesu, bil-faqar tiegħek,
Li dawrek ġewwa l-għar,
Bl-irżiħ mifrux fuq ġismek
Iċ-ċkejken bħala star,
Bil-kejn li wrejt f'maxtura
Għollejt għal ruħna dar (1).

Hisaw tas-sema Anġli,
Ejjew ma' dwar Ġesù
Tarbija żgħira, mwieled
Ġo rokna li ried hu,
Xandruh, faħħruh, għannulu:
Is-sliem għalik, Ġesù.

Sebħien u ġieħ minn fommna
Itiru lejk, Mulej,
Bil-qalb ferħana nemmnu
Li tagħna int Feddej:
Bl-imħabba lejk iġbidna,
X'ħin mn-artna int għaddej.

P. Alb. M. Grech O.P.

(1) Il-ħsieb ta' din hu: Kristu f'Betlem bil-faqar, bl-irżiħ, u bil-kejn bħal bena dar spiritwali, fejn ir-ruħ bl-imitazzjoni Tiegħu tegħleb it-tliet ħsarat li d-dnub ħalla fil-bniedem, li huma, ir-regħba, il-pjaċiri u l-kburija.

# 'Sopra una conchiglia fossile' ta' Zanella

# w

# 'Il-Musbieħ tal-Mużew' ta' Dun Karm.

Dun Karm issejjaħ minn nies barranin "Zanella" ta' Malta, għas-sehem kbir li kellu fil-poeżija taljana li kibret hawn Malta u għax-xejra ta' ħsiebu. Barra minn hekk dan l-isem jistħoqqlu l-għaliex għaqqad ħsiebu f'"Il-Musbieħ tal-Mużew" ma' ħsieb iz-Zanella kif inhu mfisser fis-"Sopra una conchiglia fossile". Dawn iż-żewġ poeżijiet tista' tqishom poeżija waħda li tħaddan ġo fiha l-ġrajja tad-dinja minn ħolqienha sa żmenijietna. Meta nqisu ż-żmien li għex fih Giacomo Zanella wiċ-ċirkostanzi li kien fihom Dun Karm meta kiteb il-poeżija tiegħu, insibu li kienu fl-istess ilma. Wieħed kiteb fi żmenijiet meta x-xjenzi kienu fl-aqwa tagħhom u l-ieħor meta kien igħallem l-Arkeoloġija u l-Istorja tal-Knisja.

Zanella jilmaħ fl-istudju tiegħu Bebbuxu ġeblieni u minnufih il-fantasija tixgħel. Il-poeta jdur fuq dan il-Bebbuxu, li wara eluf kbar ta' snin minn twelidu ġie f'kamartu, u jfakkru fl-imgħoddi tiegħu. Il-poeta jiftakar fi ġrajjiet id-dinja qabel il-miġja tal-Bniedem–*Divino straniero*. Il-Bebbuxu kien xhud ta' taqlib liema bħalu fil-għamla tad-dinja: ra terremoti tal-għaġeb w artijiet ġodda telgħin minn qiegħ il-baħar; u fl-aħħar kien xhud tal-miġja tal-Bniedem wara eluf kbar ta' snin minn ħolqien id-dinja, u wara li mietu u ntemmu eluf kbar ta' ħlejjaq oħra. Madankollu l-Bniedem ġie fid-dinja mimli bit-tama li għad isaltan fil-ħena u fis-sliem fuq il-ħolqien kollu. Il-poeta jagħlaq il-poeżija tiegħu billi jħeġġeġ il-bniedem biex jissokta fuq triqtu bla ma jaqta' qalbu. Jekk fid-dinja għad fadal il-jasar wid-dmugħ

È giovin la terra.
Eccelsa, segreta
Nel buio degli anni,
Dio pose la méta
De' nobili affanni.

U meta biż-żmien iseħħlu ħsiebu, m'għandux jagħmel ħaġa oħra ħlief joqgħod għal dak li jkun irid minnu l-Ħallieq:

Compiute le sorti,
Allora, de' celi
Ne' lucidi porti
La terra si celi:
Attenda sull'áncora
Il cenno divino
Per novo cammino.

Sa hawn jasal Zanella: uriena kif ġie l-bniedem u għal liema għan. Dun Karm jurina x'għamel il-bniedem biex jilħaq dan il-għan.

Dun Karm jitqanqal minn musbieħ tal-fuħħar b'ħuta minquxa fuq ġbinu merfugħ fil-Mużew. Il-poeta jfakkar mnejn ġie il-Musbieħ, u jurih qalb liema ħajja raġa' sab ruħu. X'janbuh dan il-musbieħ in-nies tal-lum, meta qajl qajl qed irażżnu l-ħolqien? Sirna nafu kif il-kwiekeb iżommu u jduru hemm fuq u l-Bniedem

...seraq id-dija
Li tagħmel in-nhar,
U lsira rabatha
Bir-ram u l-azzar.

B'dana kollu, din il-biċċa fuħħar tagħtina dawl kbir fuq l-Imgħoddi. L-egħliem fuq "ġbinu" jixhdu l-qedem tal-musbieħ. Twieled, jew aħjar *intgħamel*, meta l-ġewnaħ ta' l-Ajkla Rumana

Kien għadu ma nkiser.

Kien xhud tad-drawwiet ta' dawk iż-żmenijiet imbegħda. Ra, jew għallanqas sama' bil-ġrajjiet imdemma tal-martri. Kien idawwal il-katakombi fejn l-insara kienu jiltaqgħu

U jieħdu u jroddu
Il-bewsa tas-sliem,
U waqt illi jgħannu
Ta' David il-kliem,

Dwar mejda tal-ħaġar
Jintasbu flimkien
Mingħajr ebda għażla
Ta' ġieħ u ta' żmien,

U ż-żejjed tal-għani
Man-nieqes tal-fqir
Jitħallat, u jiekol
Iċ-ċkejken mal-kbir.

Il-poeta jissokta jfakkar fiż-żmien li gerbeb minn fuqu wit-tibdil kollu li sar ma' tul dan iż-żmien li għadda u mar: tbiddlet kemm-il-darba l-ħakma, daqqa niket oħra ferħ. Kull ċiviltà ħalliet xi ħaġa minn tagħha, tajba jew ħażina. Tbiddlet il-fehma tal-ġnus, lsienhom; nbidel wiċċ l-art bil-ħidma tal-Bniedem u,

Fejn ħarbxet is-sikka,
Fejn għażaq il-fies,
Inbnew bliet u rħula
Li tgeġweġ bin-nies;

U fejn qatt ma nstama'
Ma' tulek ja bur,
Hlief għanja ta' bidwi
Jew leħen għasfur,

Instemgħu il-ħsejjes
Ta' l-ifrem azzar
Imħaddem bil-qawwa
Ta' l-ilma u n-nar.

Kollox tbiddel u għadda, imma ħaġa waħda baqgħet mingħajr ma tbiddlet u kelma oħra baqgħet ħajja:

Il-kelma huwa l-isem
Ta' Kristu Feddej
Bin Alla, li jaħkem
L-Imgħoddi u li ġej;

Il-ħaġa hija x-xirka
Ta' dan il-Mislub
Imgħajjar bil-bosta,
Bil-bosta maħbub.

Għalhekk dan il-musbieħ hu merfugħ fil-ħġieġ: huwa xhieda ħajja ta' dan il-għaġeb kbir u jkabbar il-ġieħ ta' artna li kienet ewlenija biex tilqa' ċ-ċiviltà ġdida ta' "Bin il-Bniedem".

Kif nistgħu naraw mill-ġirja ħafifa li tajna mal-ħsieb ta' dawn iż-żewġ poeżiji, spirtu wieħed jaħkimhom: Tama w Imħabba, il-qofol tal-poeżija ta' Dun Karm. Il-bniedem bit-tama li jilħaq l-ogħla grad ta' perfezzjoni ħadem kemm felaħ bla ma qatt għeja jew iddejjaq. Baħħar fuq l-ikbar ibħra għalkemm kien jaħseb li fihom se' jiltaqa' ma' ħafna tfixkil. Iġġerra f'artijiet imdallma u miżgħuda b'bhejjem tax-xagħri. Niżel f'qiegħ il-baħar u tar fil-beraħ bla tarf.

Mat-Tama dejjem insibu msieħba l-Imħabba, li ġiegħlet il-martri jmutu għal Dinhom u li kienet il-bidu tal-"famlja" li fuqha hi mibnija kull ċiviltà. Dawn iż-żewġ virtujiet kienu li mħabba fihom l-Insara ewlenin kienu jiltaqgħu fid-dlamijiet tal-Katakombi u jaqsmu ġidhom bejniethom. Fejn naqsu dawn il-ħajja ttaqqlet u twieled il-ġlied u nqered kollox, iżda fejn dawn baqgħu jsaltnu kollox mexa sew-wa. Xhieda qawwija hija l-Ewropa tal-lum wil-Knisja Nisranija.

F'dawn il-poeżiji, il-kittieba, it-tnejn għatxana għall-għerf u jafu jgħożżu dak kollu li jgħinhom f'tagħlimhom jixtiequ jnisslu imħabba f'qalb il-qarrejja għal dawk il-qdumijiet kollha li jistgħu jagħtuna xi ħjiel ta' l-Imgħoddi: Il-"*Conchiglia*" li hi ta' siwi kbir qiegħda hemm mitluqa biex iżżomm il-karti bla ma ħadd iħabbel rasu biha. Il-Musbieħ jinsab merfugħ ġol-ħġieġ u n-nies issaqsi mhux x'jiswa għat-tagħlim imma jekk jiswiex għall-ħobża ta' kulljum:

Bla dawl u bla sura,
*X'int tagħmel ġol-ħġieġ?*
*Fil-milja tal-ħajja*
Għal fejn int meħtieġ?

Il-poeta jitħabat biex juri s-siwi tal-Musbieħ. Iġib quddiem il-qarrej it-tagħlim kollu li wieħed jista' jieħu minnu u jfaħħar 'il min ġabru:

Imbierek min ġabrek
U għożżok ġol-ħġieġ:
Għall-ġieħ ta' pajjiżna
Int bosta meħtieġ.

Biex ix-xebh ta' bejniethom ma jkun jonqsu xejn, naraw kif iż-żewġ poeti sawru l-poeżija tagħhom. L-ewwel ma jolqotna t-tul tal-waħda ta' 288 vers u l-qosor tal-oħra ta' 98 vers. Il-Bebbuxu jixhed il-ġrajja ta' żmenijiet bil-wisq itwal minn dawk tal-Musbieħ; iżda t-tibdil li sar fi żmien il-Bebbuxu kien bil-mod wisq waqt li dak ta' żmien il-Musbieħ kien kbir fil-għadd u ta' malajr. Barra dan aħna nafu b'dak kollu li sar kemm ilu hawn il-bniedem tista' tgħid bl-irqaqat kollha waqt li nafu biss fuq fuq dwar dak li ġara qabel il-Bniedem. Iz-Zanella jixħet ħarstu fuq id-dinja kollha waqt li Dun Karm jixħet ħarstu fuq pajjiżu biss—Malta. Malta nħakmet dejjem minn l-aqwa ċiviltajiet li dehru fid-

dinja, u l-Istorja ta' Malta hi mera ċar ta' l-Istorja tad-dinja: meta l-Ewropa kienet ħienja Malta kienet ħienja wkoll, u meta kienet imnikkta Malta tnikktet magħha.

Ħaġa li tolqtok ukoll f'dawn il-poeżiji hi li waħda hi *soggettiva* jiġifieri taħdem aktarx il-fantasija biss u l-oħra *oggettiva*, jiġifieri, il-poeta megħjun mill-fantasija jibni l-poeżija fuq il-ħajja kif jaraha quddiemu. Ħaġa li tistenniha. Iz-Zanella jfisser ħwejjeġ li qatt għajnejn ma raw w anqas widnejn ma semgħu. Dun Karm iġibilna quddiem għajnejna ħajjet il-Bniedem. Għaldaqshekk naraw fihom żewġ kwalitajjiet ta' kwadri. Il-waħda ta' dawk mibnija fuq il-fantasija biss, bħal ma ngħidu aħna din:

Sui tumoli, il piede,
Ne' cieli, lo sguardo,
All'ombra procede
Di santo stendardo.

li kulħadd ipittru f'moħħu kif jidhirlu hu; u l-oħra ta' dawk il-kwadri mibnija aktar fuq il-ħajja milli fuq il-fantasija:

Qatt rajt lil xi xbejba
Mixħuta f'riġlejh
B'idejha f'ħoġorha,
B'għajnejha f'għajnejh,

Tixroblu minn fommu
Il-mewġa tal-kliem
Mimlija bil-ħeġġa,
Mogħnija bis-sliem?

Kwadru bħal dan kulħadd għandu jġibu quddiem għajnejh xorta waħda għax meħud mill-ħajja, li fih inħossu xi ħaġa tagħna, xi ħaġa li wkoll aħna meta konna żgħar għamilna. Barra dan fil-ħajja Maltija fir-rħula kwadru bħal dan tilmħu tista' tgħid kull fil-għaxija fuq l-egħtiebi tad-djar u ma' ġenb il-kwiener fix-xitwa: xi xiħ jew xiħa, mdawwar biż-żgħażagħ iħarrfilhom xi ħrafa minn tiegħu.

Tista' tgħid li l-metru ta' dawn iż-żewġ poeżiji minbarra f'xi rqaqat żgħar huwa l-istess. L-Istrofa taz-Zanella hi ta' seba' versi ta' sitt sillabi l-wieħed b'rima *ab, ab, ċ, dd*. L-Istrofa ta' Dun Karm hi magħmula minn erba' versi ta' sitt sillabi l-wieħed bit-tieni w bir-raba' b'sillaba nieqsa bir-rima *ab, ċb*. Għalkemm hemm din id-divrenzja bejn dawn l-istrofi, fihom insibu l-istess ton:

Ta' l-Ajkla li ħakmet
Id-dinja żmien twil
Kien għadu ma nkiser
Il-ġewnaħ qalil,

Meta inti fis-sħana
Ta' maġmar inkwejt,
U s-sahra ħasbitlek
Għall-ftila u għaż-żejt.

Tu, prima che desta
all'aure feconde,
Italia la testa
levasse dall'onde,
tu, suora dei polipi,
de' rosei coralli
pascevi le valli.

Issa li rajna fil-qosor f'hiex għandhom x'jaqsmu bejniethom dawn iż-żewġ poeżiji kbar u għolja, iktar nistgħu nwieġbu għat-tifħir fieragħ li Dr. E. Rossi xeħet fuq din il-poeżija ta' Dun Karm: "*Il ritmo di questa poesia* "Il-Musbieħ tal-Mużew" *nel testo Maltese ricorda l'oda* "Sopra una Conchiglia fossile" *dello Zanella ed anche l'intonazione ed il pensiero sono identici.*" Il-metru jaqbel u ma jaqbelx; iżda billi poeta jħaddem metru jixbah lil ta' l-ieħor b'daqshekk ma jnaqqasx mill-oriġinalità tiegħu. Għal dak li hu ħsieb m'humiex ħaġa waħda: iktar kien ikun aħjar li kieku Dr. Ettore Rossi qal: "*l'una poesia è il complemento dell'altra.*"

KARMENU SANT

# XEWQA FIL-MILJA TA' ĦAJTI

Irrid jien naf fejn hawn fid-dinja tagħna
Xi ħadd li ma ġarrabx f'waqtiet moħqrija:
Nuqqas ta' ħaqq, minn min b'idejh setgħana
Jew jgħum fil-ġid, ma jridx li jaf b'mogħdrija!

Sibuli ruħ li m'hix f'waqtiet xebgħana
Minn din il-ħajja fuq din l-art mifnija:
B'nuqqas ta' ġieħ, b'twegħir bejn ġnus felħana
Li reġgħu seħtu l-art b'nirien u dmija.

Nixtieq li hemm xi art imqar imbegħda,
Fejn jgħixu biss bnedmin għall-ħaqq magħrufa,
Li jafu kif ma jkunu qatt għedewwa:

Xi art b'nies ħielsa u ġwejda bħal ħarufa
Li jħobbu s-sewwa u jisħtu lill-mibegħda:
Nixtieq li ngħix f' xi mkien għall-ħaqq u s-sewwa!

Villa Lija

M. AGIUS

# MINN DAWL IL-QALB....

Lilek, Lina, li f'imħabbtek
sibt id-dawl ta' ħajja ġdida.

Bħal min quddiemu għandu telgħa twila
u mwiegħra x'jirbaħ, w għadu kemm kemm bdieha:
kull waqt, għajjien, iħoss tonqoslu l-ħila,
għax jilmaħ nieżla x-xemx minn tar-rebbiegħa,

'Ma meta tikbes, bajda kemm ferrieħa,
fi triqtu d-dija, jarġa' bi tbissima,
jissokta t-telgħa, w jimxi b'qalb mistrieħa,
ħieles mill-għawġ, mill-ħqir, minn kull tilwima.

Hekk ġrali jiena. Ġew waqtiet, bla sabar,
ħabbtu ma' wiċċi, mqita, l-eħrex ġrajja,
u xtaqt is-skiet, u xtaqt is-sliem tal-qabar,
għax x'nista' niswa jien f'dal-ġenn ta' ħajja?

'Ma x-xewqa waqqgħet bħal ma taqa' werqa
minn siġra mneżżgħa, xħin bħal dawl ferraħni
ta' ġid, ta' riżq li jien għożżejt bil-ħerqa:
Ħabbejt kif tħobb il-qalb: dad-Dawl rebaħni.

ĠUŻE CHETCUTI

# IT-TARBIJA RIEQDA

Mill-Ingliż ta' H. W. Longfellow
Oriġinal ta' Clotilde de Surville.

Tfajjel sabiħ! xebh ħaj ta' wiċċ missierek,
  Strieħ hawn ma' sidri fejn jitbewwes fommok!
Strieħ, ċkejken tiegħi; u bil-ħlewwa qiegħed
  Rasek għajjiena fuq il-ħoġor t'ommok.

F'għajnejk safjin, ħabib mill-egħżeż tiegħi,
  Jidħol l-irqad,—l-irqad li ma jafx bija!
Jien ngħassek lejl u nhar, u jien nitimgħek;
  Ta' hena nħoss dad-dmir, ħelwa tarbija!

Dirgħajh jintelqu; jaqa' n-ngħas fuq ġbinu;
  Għajnejh jingħalqu f'ħolm ta' ferħ bla dnewwa.
Kieku ħaddejh m'għandhomx il-ġmiel tal-ħawħa
  Ma ngħidx li Driegħ il-Mewt ħakmu fis-sewwa?

Qum, ibni! nħossni fuq ix-xwiek bil-biża'!
  Qum, ħa ttajjarli dan il-ħsieb! U berraħ
Għajnejk fid-dawl, nitolbok, għal waqt wieħed!
  Ukoll jekk titlef nagħsek, qalbi serraħ!

Xi ħlew! hu rieqed, moħħi strieħ mill-ġdid;
  Ejja, ħolm ħlejju, w ġibli l-irqad miegħek!
Oh, meta sejjer hu, miġbur hawn ħdejja,
  Jarak tistembaħ b'dit-tbissima tiegħek?

Ġużè Chetcuti.

# MILL-ĦERBA TAL-ĠEBEL
# GĦALL-QAWMA TAR-RUĦ

*Lil Dun Karm b'xhieda ta' għożża għal dak kollu li minn tfuliti nissel fil-pinna tiegħi l-Weraq tar-Rand tiegħu.*

Kien l-għada ta' wara l-ewwel attakk tal-għadu mill-ajru fuq il-Gżira meta għodu għodu Trejżi bil-ħsieb li tmur iżżur 'l ommha r-raħal telqet minn waħda mit-triqat dojoq tal-Belt wara lejl ta' biża' u taqtigħ ta' qalb li għaddiet mim-duda bil-libsa b'kollox fuq il-bank tal-ħanut tax-xorb fejn minn xi xahrejn kienet taħdem bħala masa (kif dlonk għall-ewwel il-biċċa l-kbira tan-nies tat-tlitt ibliet fejn in-fetħu l-ewwel ħwienet tal-baħrin kienu jsejħulhom lil dawk it-tfajliet li jaqdu bix-xorb fuq l-imwejjed u li l-lum nafuhom bl-isem ta' *barmaids*). Ewl il-lejl, wara t-tieni attakk aħrax ta' fil-għaxija, il-ħwienet tax-xorb ta' dik it-trieq kienu għalqu qabel il-ħin; ebda ħajta dawl ma baqgħet tidher minn xaqq il-bibien jew twieqi ta' l-inħawi; id-dlam kont taqtgħu b'sikkina, u d-daqq tal-baned "jazz" u ċ-ċempil tal-pjanu, bil-għanjiet għalenija tat-tfajliet tal-ħwienet u tas-suldati, kien waqaf f'daqqa waħda, u ma kontx tisma' ħlief xi bieb jis-sabbat u jissakkar, u fl-aħħar imbagħad it-taħbit taż-żraben ta' xi suldat fuq il-qawwi ta' l-art għaddej jixxengel qisu dell ta' siġra fir-riħ.

Dik il-lejla Trejżi, xebba fuq ruħha ta' bil-kemm għo-xrin sena, wiċċha smajjar, għajnejha suwed tuta, xagħarha mġiegħed u maqtugħ qasir minn wara, f'widnejha par ħoloq kbar lewn id-deheb, b'libsa mqaċċta tal-*voile* iffjurata, kellha bħal sħajba ta' ħsieb li ċajprilha l-bixra dejjem daħ-kana u ferreħija ta' wiċċha. Kienet tidher mitluqa, u n-nofs ta' nhar kollu, sa kemm mad-dalma nstamgħu jvenvnu fuq il-bjut tal-Belt l-ajruplani tal-għadu qalb it-tfaqqigħ ta' balal ta' kanuni mill-art, ma tħarketx ħlief 'l hawn u 'l hinn minn fuq il-banketta biex tersaq b'nofs ħajra lejn xi suldat dieħel il-ħanut; twieġeb b'nofs tbissima u b'xi kelma minn taħt il-lsien għaż-żegħil u ċajt tal-parruċċani, bla ma tħabrek li tnewwel ix-xorb jew li tbattal il-bikkerin tagħha, iżda b'rasha immejla fuq l-id il-lemenija, tmur iktarx toqgħod f'rokna, donnha mxabbgħa u ma tistenniex ħlief il-waqt li jagħlaq il-ħanut.

Dik il-lejla Freddie, il-maħbub suldat tagħha li kienet saret tafu minn xi tmien xhur qabel meta kienet għadha r-raħal fejn ir-riġment tiegħu kien għassa taħt it-tined fl-egħlieqi ta' wara d-dwejra t'ommha, ma kien deher b'xejn, —iżda l-iktar li xi waqtiet kien itaqqlilha l-ħsieb ta' rasha kien dak tal-għażiża ommha li baqgħet armla u ma kienx fadlilha fid-dinja ħlief lilha u lil ħuha Lonzu, żagħżugħ ta' xi dsatax-il-sena jaħdem fir-razzett tal-barba Gawdenz. Sa kemm kellha sbatax-il-sena, Trejżi qatt ma kienet tbiegħdet minn fejn djul ommha, il-Belt ma kienet ġiet qatt ħlief darba jew tnejn ma' xbintha Zolli li kienet tħawtel f'kollox, tieħu r-rahan ta' xi ġara l-Monti, tbigħ xi tjur u bajd fil-ħwienet ta' l-ikel tal-baħrin, tikseb xi qaddejja għad-djar jew xi tfajla tar-raħal għall-ħwienet tax-xorb tal-Belt u Balzunetta, u, 'l hawn u 'l hinn, toħtob xi xkertejn patata lil tal-ħwienet u tħassel xi pezza drapp tan-newl fid-djar jew f'xi ħanut tad-drappijiet. Malli Trejżi tfarfret ftit ieħor, Zolli dlonk kienet tinqeda biha twasslilha xi sorra u tgħinha fil-bejgħ u xiri u tqabbadha taqdi lil tal-ħwienet f'xi ħasil ta' ħwejjeġ u ta' art. B'hekk it-tifla bdiet titħarreġ ġmielha u toħroġ mill-qoxra tal-misthija tat-tfajliet tar-raba' u saħansitra drat tnewwel xi tazza birra lil xi baħri jew suldat u tlaqlaq xi kelmtejn bl-Ingliż. Mhix ħaġa tal-għaġeb, għalhekk, jekk Trejżi ma stmellitx id-dehra tas-suldati madwar l-egħlieqi tal-ħâra tagħhom ir-raħal malli faqqgħet il-gwerra bejn l-Ingliterra u l-Ġermanja u, ftit ftit b'dik ix-xeħta dħulija tagħha, wieġbet għal ħarsa ta' xi wħud minnhom

Trejżi, madankollu, kienet dik il-ħabta qalbha marbuta ma' dik ta' wieħed żagħżugħ, raħħâl, li minn żgħuritu, kien, tista' tgħid, trabba magħha. Ġanni, għax hekk kien jismu l-għażiż ta' qalbha, kien ġar tagħhom u lil Trejżi kien iqisha bħas-sieħba tal-mogħdijiet taż-żmien ta' ċkunitu u draha bħalkieku oħtu, iżda malli sebaq is-sbatax-il-sena wiċċ Trejżi f'għajnejh beda jisbieħ u jiħmar bħall-ħawħ tas-siġar li kellu fil-ġnejna għeluq ir-rebbiegħa u għajnejha kienu mat-tbissima jkellmuh bi ħlewwa u jagħrxulu qalbu u jimlewlu rasu b'mitt ħolm imżewwaq ta' xenqa, tama u hena, imħallat 'l hawn u 'l hinn b'taqtigħ ta' qalb, ta' biża', dwejjaq u ferħ flimkien li bihom maż-żmien bdiet tintiseġ il-ħajja tiegħu. Trejżi kienet daħlet f'qalbu, iżda, jaħasra, ma dametx daqs kemm kienet damet marbuta ma' tiegħu, meta tfal, bla ebda ħsieb ta' ħażen u qerq tad-dinja, huwa u hi, kienu jissieħbu flimkien, fit-tbahrid, jew jaqdu flimkien lil nieshom fix-

xogħol tar-raba' fi żmien il-ħrit, il-ħsad, id-dris jew it-tisqija tal-bħajra fis-sienja.

Darba li Ġanni kien għal ħabta tal-għabex rieġa' lejn il-maqjel bil-merħla tiegħu minn mogħdija ta' wied taħt ir-riħ tar-raħal jilmaħ lil Trejżi tkellem suldat Ingliż daharha mal-kixtbiena tar-rixtellu tal-għalqa ta' Vitor, ħu ommu. Mal-ħoss tan-nwieqes tal-mogħoż mexjin quddiem, Trejżi xirfet wiċċha minn wara s-suldat li kien qiegħed igħatti nofsha, wieqaf b'idu x-xellugija max-xewka tal-koxxa tal-bieba u b'idu l-oħra mitnija fil-lemenija ta' Trejżi. Hemmhekk kien li Ġanni ntebaħ bi Trejżi u din minnufih ħbiet wiċċha, saret ħamra nar, u rtasset kemm setgħet mar-rokna tal-bieba.

Ġanni ħass għall-ewwel darba l-imrar ta' mħabbtu. Qalbu kesħet u ma felħetx tegħleb dik id-dehxa u bħal qata' jiesu li jwettaq il-ħsieb li jingħaqad ma' dik li kien joħlom biha minn mindu ħass l-ewwel xrariet ta' mħabba, ma' dik li kienet is-sieħba ta' tfulitu, li kien beda jħobb bħal oħtu u li qatt ma sata' jaħseb li kellha tqarraq bih. Dik il-lejla daħal id-dar qalbu sewda, ħosbien, jitbandal; ħalla l-bhejjem jidħlu wħudhom ġewwa l-maqjel, qatta' ftit silla, ferrixhielhom kif ġie ġie fil-maxtura u kien għoddu nesa jimlielhom barmil ilma biex jisqihom, u, bla ma sejjaħ lil ommu biex tagħtih jiekol, tala' bil-kiss il-kiss għal ġewwa l-għorfa u nxteħet fuq mitraħ tat-tiben u fettex li jorqod u bl-irqad jinsa l-qerq tad-dinja, għax dik kienet l-ewwel darba li ħass kemm tassew id-dinja kienet qarrieqa.

Minn dik il-lejla Ġanni ma fittixx li jiltaqa' ma' wiċċ Trejżi, u Trejżi nħbiet minn wiċċu, iktarx għal mistħija milli biex taħarbu. Meta ntebħet li Ġanni ma ħax iżjed ħsiebha, li kull fejn jilmaħha mill-bogħod huwa u ġej jew sejjer bil-merħla jikser il-kantuniera jew jieħu trieq oħra, għaddiet xi jumejn qalbha sewda, iżda fl-aħħar, għalkemm l-imħabba tagħha lejn Ġanni kienet iżjed safja mill-ġibda li kellha għas-suldat, ħasbet li biex idderri d-dwejjaq li qabduha bil-firda tal-maħbub ta' torbitha, tibqa' twieġeb għaż-żegħil tas-suldat. U hekk għamlet u baqgħet tagħmel, għalkemm wara kollox qatt ma setgħet issib is-sabar u l-hena tagħha kif kienet tixhed kull tbissima bierda li toħroġ minn fommha meta tiltaqa' u tkellem il-maħbub ġdid tagħha.

Fuq dak li għadda minn Ġanni, Trejżi ma dametx ma semgħet minn għand waħda xiħa ġara tagħha li tarrfitilha li Ġanni kien sa jitgħarras ma' waħda li ommha kienet mid-

ħila ta' dar niesha, u li ommu kienet kemm-il-darba semmithielu u ħajritu għaliha jekk jiġi li jagħmel il-ħsieb li jkollu daru,—l-iktar minn mindu n-nies kienet bdiet tqassas fuq Trejżi meta dan l-aħħar kienu jarawha tterraq lejn il-Belt u tmur taqdi lil xbintha f'dawk il-ħwienet tax-xorb u xxerdet ix-xniegħa li kienet qiegħda tittajjar wara suldat.

"Dik il-ħalja ta' Trejżi fuq ruħha wisq u xejn ma togħġobni —Lieni ta' Zanza ħija tifla għaqlija, bint is-sewwa, tal-ġabra, ta' fommha xieraq u mistura, Kemm xtaqt ibni, li ssib tifla bħal dik li tiġbrok u tiġborlok darek". Ġanni lil ommu, li kien għodda qorbot is-sebgħin sena u l-mard kien għakkisha daqshekk li ma kellux it-tama li jibqa' jgawdiha għal żmien twil, kien joqgħod jismagħha ħosbien, meta qabel ma jorqod u wara li jkunu qalu r-Rużarju, kienet tnewwillu l-platt minestra u twaqqa' l-kliem fuq Trejżi. Ġanni kien ilu ltim minn missieru u kliem ommu kien igħożżu u x-xewqa ta' qalbha ma xtaqx jiksirha; iżda Trejżi kienet laħqet daħlet f'qalbu sewwa u ma satax jaqlagħha bla ma jmarrar l-isbaħ jiem ta' ħajtu, u għalhekk kien iwarrab il-platt minn quddiemu bla ma jtemmu, igħaddas rasu u jfittex imur jimtedd.

Iżda, meta għal dik il-ħabta sewwa li Trejżi kienet ġennbitu, lil ommu kienet tatha bħal taqliba u wara għaddiet għall-agħar, fl-aħħar waqtiet ta' ħajjitha huwa resaq lejha u b'idejha l-kiesħa magħfusin ma' sidru u b'għajnejh mimlijin dmugħ fettex li jisraq l-aħħar kelmiet tagħha minn għajnejha li kienu qed jingħalqu għal dejjem, telgħetlu bħal għoqda fi griżmejh u: "Jommi" infexx igħid f'bikja "jien inwiegħdek li ntemm xewqtek...berikni; irrid li tmut b'rasek mistrieħa..." U biesha fuq ġbinha kiesaħ bil-għaraq talmewt. Ommu bexxqet għajnejha li minnha ħarġet l-aħħar teptipa tad-dawl inemnem ta' ħajjitha u mietet bi tbissima fuq fommha.

Wara l-mewt t'ommu, Ġanni ma damx ma ltaqa' ma' Lieni; għaddew għat-tnidijiet u wara xi żmien iżżewġu u t-tieġ sar bil-mistur imħabba l-vistu ta' l-omm.

Ir-riġment li kien qiegħed taħt it-tined fl-egħlieqi ta' wara d-dwejra ta' omm Trejżi telaq u mar fl-inħawi tattrinċieri tas-swar tal......

Trejżi sabet ruħha weħidha b'jiesha maqtugħ li tarġa' tirbaħ l-imħabba ta' Ġanni li qabel kien wera li hu miġnun għal warajha u għal xi żmien, qabel ma semgħet li sa jiżżewweġ, għaxet bit-tama li tarġa' tiġbdu lejha u jaħfrilha

d-dnub tagħha ta' xbejba fiergħa li kienet; mill-banda l-oħra dan il-waħx ħassitu wisq iżjed meta mar-riġment għabet ukoll minn dawk l-inħawi x-xbieha dejjem daħkana u ċajtiera ta' Freddie li biha kienet ittaffi u ddewwi xi ftit l-imrar tad-dwejjaq tagħha. Għalhekk għodwa waħda sarret ħwejjigħha u, wara li fetħet qalbha ma' ommha u wrietha l-ħsieb tagħha u rat li ma qaltilhiex le, marret għand xbintha Zolli, ftiehmet magħha u telqet għall-Belt fejn mhux wieħed u tnejn mill-imgħallmin tal-ħwienet tal-baħrin kienu talbu lil Zolli biex tiksbilhom xi xbejba tal-ħwienet u jekk jista' jkun lill-filjozza tagħha. Il-lejla ta' dak in-nhar stess, Trejżi jew Tessie, kif dlonk saru jsejħulha u jafu biha, dehret bil-lbies imqaċċat, b'xagħarha kollu innukklat u maqtugħ qasir, b'xuftejha miżbugħin mil-lewn il-qroll, u bil-par ħoloq kbar imdendlin ma' tarf widnejha, f'wieħed mill-bibien tal-ħwienet tax-xorb tat-trieq id-dejqa flimkien ma' xi tnejn minn sħabha tistieden bil-ħarsa tagħha lil xi suldat jew parruċċani oħra għal ġewwa l-ħanut. Iżda, Trejżi, dik il-lejla ma kenitx f'sikkitha, u kull tbissima ta' fommha ma kenitx taqbel man-nar mitfi ta' għajnejha.

Il-għada fil-għaxija, madankollu, wiċċha kien ħa xi ftit tad-dawl; ma' ġenbha f'rokna tal-ħanut kellha lil Freddie li fin-nofs ta' nhar mistrieħ li kellu, kien mar iżurha fil-ħanut fejn hija bagħtet tgħidlu bil-miktub li qiegħda taħdem bħala "barmaid".

* * *

Il-għada ta' l-ewwel attakk tal-għadu mill-ajru kif semmejna, Trejżi telqet mill-ħanut tax-xorb f'waħda mit-triqat dojoq tal-Belt lejn ir-raħal għax kienet fuq ix-xwiek biex tkun taf x'sar minn ommha u ħuha. Hija u sejra fuq ix-char-à-banc semgħet min igħid u jistagħġeb bil-ħsarat li saru fl-inħawi u ġewwa l-qalba tar-raħal tagħha. Malli rifset l-art fit-trufijiet ta' bejn żewġt irħula, u qabdet it-trieq li tagħti għal ġewwa r-raħal, b'qalbha ttaqtaq u b'nifsha maqtugħ, xeħtet il-ħarsa tagħha 'l hawn u 'l hinn biex tfittex xi sinjal ta' xi ħsara milli semgħet igħidu.

Ix-xemx kienet ilha xi siegħa li telgħet u—fejn dari kont tara dak il-ħin xi bidwi fuq il-qiegħa jidres il-qamħ jew fir-raba' jaħrat bil-bhima, jew inaqqax fil-gifun tas-swieqi jew tisma' ż-żaqżiq tas-sienja ttalla' l-ilma—dak in-nhar l-egħlieqi kienu baħħ, kien donnu għadu ma sebaħx, u xejn ma kont tisma' ħlief xi dubbiena żżanżan mal-ħajt tas-sejjieħ taħt xi siġra tat-tin u l-arloġġ tar-raħal idoqq

b'leħen li f'dik il-ħemda kien jinħass iżjed sħiħ u jdamdam iżjed mis-soltu.

Hekk kif waslet f'salib it-toroq qabel ma tikser għattrieq li tagħti għall-misraħ tal-knisja, Trejżi waqqfet il-ħarsa tagħha fuq il-kantuniera ta' bini mwaqqa'. Kien il-ħanut ta' Grezzju l-Għannej fejn għal fil-għaxija ħuha flimkien ma' oħrajn tar-raħal kien bejn terz inbid u ieħor iqatta' xi siegħa jitħaddet jew jedha jilgħab il-karti. Ġebel, twieqi, bieb, bank, mejda u fliexken kien kollox borġ wieħed. Mitt ħsieb għaddielha minn rasha! "Min jaf ħija?— Min jaf?..." bdiet taħseb. Sew dak il-ħin infetaħ bieb kbir ta' remissa qadima jżaqżaq fuq l-egħrieqeb. Kien ix-xwejjaħ Gawdenz tal-Għoqdi, il-bidwi, ħiereġ bil-bagħal u warajh ibnu l-miżżewweġ jiġbed il-karrettun. Wara ftit dehret il-mara t'ibnu b'tarbija fuq dirgħajha u tifel ta' sentejn iżżommlu idu. Trejżi ġriet għal fuqha: "X'waħda din, Ann! Xi ħsara! X'ħerba!"—"Iva, Trejż, il-Bambin ried li kien għadu l-ħin—it-tlieta ta' wara nofs in-nhar—u Grezzju kien għadu ma fetaħx il-ħanut. Il-bomba ġiet fuq is-setaħ u niżlet sa qiegħ il-bir. Aħna konna fuq il-qiegħa. In-nies tal-ħara twerwret. Ġejna niġru d-dar; bibien u twieqi miftuħin, ċaċċis imtajjar, injam u ħġieġ imkisser. X'ġenn! Nies igħajtu, tfal iwerżqu u jibku"—"Xwaħda din! X'kellna naraw Ann. U fejn hemm iżjed imwaqqa'?" — "Sew sew ma nafx, Trejż. Inħossni niexfa u mibluha! Igħidu li wara l-knisja ġġarraf xi razzett u għorfa fi Sqaq ir-Rummiena." —"Bogħod xejn mid-dwejra tagħna?" — "Ruħi, Trejż, ma nafx ingħidlek. Mill-bieraħ 'l hawn ma xriftx mill-għatba 'l barra. Naf li n-nies tar-raħal nofsha telqet, min għar-Rabat, min għal raħal u min għal ieħor, Aħna wkoll għamilna l-ħsieb inwarrbu, għalkemm ix-xogħol tar-raba' u tal-qiegħa jżommna. X'tagħmel?—Wieħed jiskansa kemm jista'. Ili mill-bieraħ niġbor il-ftit ħwejjeġ tal-bżonn"; u kif Anni qalet hekk resqet ħalqha f'widnejn Trejżi, u sefsfitilha: "...għandi xi ħajta deheb, ngħidlek is-sewwa, qlajtha minn fejn kienet u sa nġorrha miegħi". — "U fejn sejrin, Ann?" — "Għand nies ir-raġel, Ħaż-Żebbuġ, sakemm naraw id-dinja kif taqleb... Sa nidħol sa gewwa għax ħallejt l-istanjata tal-kafè fuq in-nar; għadna b'xejn, lanqas sabar nitrejqu; u għad għandi dik it-tagħbija għal fuq il-karrettun" u kif qalet hekk, Anni sellmet lil Trejżi; din qaltilha "Saħħa... il-Bambin jieqaf magħna." u telqet tħaffef il-pass lejn il-misraħ.

Il-knisja kienet magħluqa; fuq iz-zuntier ħadd; ħwienet u djar kollha mitbuqin,—ma kontx tara ħlief xi kelb magħlub

imgeddes wara xi bieb, li mal-passi ta' bniedem għaddej italla' rasu u jħares b'għajnejn tal-ħniena, u ma tismax ħlief il-għajta ta' xi qattus wara l-ħadid tat-twejqa ta' xi kantina jnewwaħ u jdur. Trejżi kisret għal wara l-knisja u ġibdet għat-trieq id-dejqa fejn fit-tarf kienet toqgħod ommha. Dik it-trieq kienet tilwi għat-trieq il-wiesgħa li qalb il-beraħ tal-għelieqi tieħu għal raħal ieħor. Ħadd mill-ġirien ma kien jinstama' leħnu, ebda ħoss ta' bhejjem fl-imqawel li bihom kienet mimlija dik il-ħara; lanqas it-taħbit tan-newl tax-xwejħa Mariroż li kont tisimgħu dejjem sejjer minn x'ħin jisbaħ sakemm jidlam. Iżda hekk kif qorbot lejn bieb darha tisma' ċ-ċempil ta' nwieqes ta' merħla ġejja minn wara l-minkeb ta' tarf it-trieq u l-għajta ta' "Dza 'l hemm il-belqa!", leħen mhux ġdid għal widnejha, għalkemm kienet ilha ma tisimgħu—leħen li f'dik il-ħemda u taqtigħ ta' qalb ħassitu bħala leħen ta' ħabib għażiż u ħanin. Waqfet tissamma'. Il-leħen siket, iżda feġġet il-merħla u quddiemha l-kelb ta' Barbarija ta' Ġanni u, wara ftit, deher huwa wkoll. Ħasset bħal kesħa f'qalbha. Inħasdet, indehxet. Ġanni talla' rasu u quddiem dik ix-xbieha—li dak il-ħin ta' waħx, ta' niket u hemm dehret bħal dell ta' l-isbaħ u l-egħżeż żmien ta' xbubitha, il-lum imgeżwer ġewwa sħaba l-aktar sewda—quddiem dik ix-xbieha, ħass leħen qawwi ġewwa qalbu li qajmu mid-dgħaben ta' l-imgħoddi u ġagħlu jħoll ilsienu u jaħfer dak il-ħin lil dik li kienet ħasditlu l-ħena ta' ħajtu u ħallietlu ġerħa f'qalbu li ż-żmien ma jistax ifejjaq.

"Trejżi!" għajjat Ġanni hekk kif waqaf għal għarrieda.

"Ġanni!" għajtet ukoll Trejżi bla ma riedet u għaddset rasha għaliex stħat turi wiċċha li kien tbiddel minn dak iż-żmien li kienet tkellem lil Ġanni, u mesħet xuftejha għax ftakret li kif qamet ħarġet bla ma lanqas ħaslet wiċċha.

"X'ġiebek?"

"Ġejt nara x'għadda minn ommi u ħija."

"Ommok u ħuk telqu l-bieraħ mal-ġirien."

"Fejn?"

"Ir-Rabat, qalu, f'xi għorfa ta' razzett, l-Għeriexem."

Trejżi dehret ħosbiena, u wara ftit: "Min jaf x'ġarrew magħhom?—Ikolli nidħol u niġbor ħwejġi"—

"X'ġarrew ma nafx sewwa; naf li telqu għal għarrieda u ma setgħux ħadu magħhom ħlief ħwejjeġ żgħar u tal-bżonn."

"U int?"

"Jien għalissa għadni hawn. Omm il-mara marida u ma nistax nitħarrek."

"Il-Bambin isabbrek", temtmet Trejżi. Qalbet għajnejha fuq Ġanni u dlonk reġgħet baxxiethom fil-waqt li tħarrket bħalkieku biex taħrab mill-ħarsa tiegħu u minn kliemu. Ġanni għaddas rasu wkoll, u "Selli għal ommok", qal minn taħt ilsien, u ġibed 'l isfel. Trejżi waqfet tħares lejn Ġanni sejjer ħosbien isuq il-merħla u malli għab u waslet quddiem il-bieb ta' dar ommha daħħlet idejha fil-qoffa li kellha f'idejha, bħalma kienet tagħmel meta kienet f'dar ommha r-raħal, iżda dlonk intebħet li l-muftieħ tad-dar ma kienx għandha. Qagħdet ħosbiena għal ftit, imbagħad f'daqqa waħda, bħal ġieha ħsieb f'rasha, daret minn tarf it-trieq, għaddiet tgħaġġel minn ġo mogħdija, fetħet xatba, ġiet ġewwa għalqa tal-bajtar tax-xewk, qabżet ħajt baxx tas-sejjieħ, ġiet ġewwa mandra, daħlet ġewwa maqjel li kien mimli bit-tjur u issa battâl, telgħet fuq maxtura, tawlet idha l-lemenija għal fuq il-ħoġor ta' twejqa u minn hemm ħatfet muftieħ, niżlet, ħarġet mill-maqjel, resqet lejn bieb ta' wara d-dwejra, daħħlet il-muftieħ fit-toqba tas-serratura, dawritu u l-bieb infetaħ. Dlam ċappa; kollox magħluq u mitbuq. Bdiet itteftef b'idejha sa ma sabet il-bieb li kien jagħti għall-kamra tar-rqad fejn ġewwa senduq kellha ħwejjiġha. Tellgħet il-lukkett u fid-dwal ta' daqsxejn ta' lampa li kienet għadha itteptep quddiem ix-xbieha tal-Madonna tad-Duluri, fetħet it-tieqa li kienet tagħti għal ġenb wieħed tal-għalqa, fetħet is-senduq, ġabret dehebha, għamlet sorra ħwejjeġ u ħabtet sa toħroġ, iżda ħasset x'jiġbidha lejn dik ix-xbieha Mqaddsa tal-Madonna li lejha minn dejjem kellha l-akbar qima. Dak il-wiċċ dehrilha li kien waħdu fid-dinja li kien qed jixxierek magħha fit-taħbila u d-dwejjaq li fihom kienet tinsab, u ħasset bħal faraġ li qatt qabel ma kienet ħassitu f'ħajjitha, fetħet armarju, qalgħet flixkun taż-żejt u ferrgħet għal ġewwa t-tazza: id-dija tal-fjamma ċkejkna kibret minnufih madwar ix-xbieha li qatt ma dehritilha hekk ħelwa u ħanina; qagħdet għar-rkobbtejha, talbet u talbet bi ħrara sabiex dik l-Omm tal-Ħniena tieqaf magħha, m'ommha, u ma' ħuha f'dawk is-sigħat hekk koroh u tal-biża' li kienu għaddejjin minn fuqhom u, fil-waqt li wegħditha li għandha titbiegħed mill-frugħat u t-tiġrib tad-dinja, qelgħet l-inkwatru tal-Madonna, mesħet xuftejha għal darba u tnejn u bieset u reġgħet bieset wiċċ il-Madonna, u qegħditu mill-ġdid bil-qima kollha fuq il-gredenza. Qamet, għalqet it-tieqa, qabdet is-sorra, ħarġet mill-bieb tal-mandra, sakkret,

tefgħet il-muftieħ fil-qoffa ta' idejha, qabżet iċ-ċint tal-ħajt, fetħet ir-rixtellu, għaddiet mill-mogħdija, ġiet għal fuq it-trieq, u telqet biex tmur issib 'l ommha u 'l Ħuha fil-għorfa tal-Għeriexem.

* * *

Hekk kif niżlet mix-char-à-banc tar-Rabat għal fuq is-Saqqajja staqsiet minn fejn tgħaddi għall-Għeriexem lill-ewwel mara bil-qoffa tal-bajd f'idejha li lteqgħet magħha u li minn suritha u bixritha dehritilha li hi minn dawk l-inħawi, ġibdet lejn it-trieq tal-Knisja ta' Sant'Wistin u ħadet ir-rotta li minn ta' Duna tieħu għall-Għeriexem. Hija u miexja fi trieq kollha djar qodma u xi razzett 'l hawn u 'l hinn, tilmaħ lil wieħed mill-ġar tagħhom, bejjiegħ it-tjur, waqqfitu u, wara ħafna mistoqsijiet lil xulxin u aħbarijiet fuq li ġara r-raħal u bnadijiet oħra, saret taf li ommha kienet qiegħda f'għorfa ta' razzett fejn knisja ċkejkna qalb l-egħlieqi 'l hinn mit-trufijiet tal-bini u li Ħuha kien daħal xriq ma' wieħed mir-raħal, Kieli t-Trux, li wara dik it-taħbila kollha kien telaq ma' l-oħrajn bil-merħla tiegħu u ħadha f'dak ir-razzett. Ħuha, Lonzu, tifel bieżel, ħawtiel u għaqli dlonk intafa' għax-xogħol, idur bil-mogħoż, jirgħahom u joħroġ ibigħ il-ħalib ir-Rabat u l-Imdina fejn kotra kbira ta' nies mit-tlitt ibliet u mill-irħula tan-naħa tal-Lvant tal-Gżira kienet ġiet tistkenn wara li ħalliet lil darha.

Trejżi nġabret fil-għorfa m'ommha u ma' Ħuha. Dawn kienu diġà ħasbu biex jibagħtu jgħarrfuha biċ-ċaqliq tagħhom minn darhom hekk ħabta u sabta ma' Zolli, xbintha, li kienet nieżla l-Belt li kieku dik il-għodwa ma laħqux rawha ma' wiċċhom.

L-ewwel attakki ħorox fl-inħawi tal-port u t-tlitt ibliet kienu ħallew lil Trejżi bħal mibluha fuq dak li ġarrbet hi stess u fuq dak li rat ir-raħal u semgħet. Wara xi ġimgħa li marret tinġabar m'ommha fl-Għeriexem, bis-serqa u b'ħafna taqtigħ ta' qalb, niżlet il-Belt tittawwal titwila u saret taf li l-ħwienet tax-xorb, biċċa kienu għalqu, u oħrajn jiftħu wara nżul ix-xemx u jarġgħu jagħalqu kmieni. Il-ħanut fejn kienet taħdem hi kien għadu magħluq u aħbar Freddie ma kellhiex ħlief wara xi tliet ġimgħat minn waħda minn sħabha li ratha r-Rabat u li kienet daħlet taħdem f'ħanut ieħor f'dik it-trieq id-dejqa fejn Freddie mar għal darba u tnejn bit-tama li jiltaqa' ma Tessy, imma mbagħad ma żiedx mar iżjed għax, milli jidher, qata' qalbu li jsibha.

Trejżi għall-ewwel sewdet qalbha u għamlet il-ħsieb li tmur taħdem f'dak il-ħanut bit-tama li targa' tiltaqa' ma' Freddie, iżda l-waqt ikreh li minnu kienet għaddiet raġġagħha mill-ħsieb u bħal tkexkxet taħseb jekk, Alla jħares qatt, kellha tiġri xi diżgrazzja lil ommha jew lil ħuha fil-waqt li tkun barra mid-dar bla ma tista' tagħtihom għajnuna, u jkollha xogħfa hekk kbira għal ħajjitha kollha, ħtija tal-frugħat tagħha; għax wara kollox, bil-flieles kollha li kellha f'rasha, Trejżi kienet marbuta ma' darha u mrobbija fil-biża' t'Alla.

Trejżi, barra milli ddur dawra mal-għorfa, tagħmel il-mifrex u ssajjar, kienet ukoll tgħin lil ħuha jagħlef u jisqi lill-bhejjem, għax ommha li kienet qalbet is-sittin, wara marda twila ta' deni biered, beqgħet fjakka minn qalbha u ma tiflaħx għax-xogħol tad-dar. Iżda xi biċċa xogħol oħra barranija u ta' qligħ il-flus ma kenitx tirruftaha. Għall-ewwel kien hemm min ħajjarha tidħol taqdi lil xi familji Ingliżi l-Imtarfa, iżda, biex ma' xi teftifa xogħol oħra tkun tista' tilħaq mad-dar, indaħlet ma' oħra minn sħabha tar-raħal għall-ħasil biss tal-ħwejjeġ tas-suldati l-Imtarfa fejn kienet tmur darbtejn fil-ġimgħa. U billi kienet laħqet tgħallmet erba' kelmiet bl-Ingliż sewwa, hemmhekk kienet indieħset f'xi ħanut tax-xorb fejn ma' tul in-nofs ta' nhar kienu jiltaqgħu xi erba' suldati, tnewlilhom xi tazza birra u b'hekk iddaħħal xi pirkaċċi.

Għeluq is-sajf il-qilla ta' l-attakki tal-għadu mill-ajru kienet bdiet turi li naqset u biċċiet min-nies li kienu laħqu ħallew lil darhom u ġarrew ħwejjiġhom u marru jistkennu f'xi kamra ta' dar jew dwejra ta' nies oħra, f'xi għorfa, f'xi kantina, f'xi knisja u qadima qalb ir-raba' u saħansitra f'xi kannierja, kienu ħadu nifs qawwi u ttamaw li ma' dħul ix-xitwa jkunu jistgħu jurġgħu jinġabru lejn darhom. Il-bombi tal-għadu kienu 'l hawn u 'l hinn ħallew sinjali ta' ħirba ta' djar, għorof u rziezet f'xi nħawi ta' madwar it-Tarzna u f'xi rħula ta' madwar furtizzi u ajrudromi; iżda għal ħabta tal-ħarifa waqgħet bħal ħemda; it-tvenvin ta' ajruplani tal-għadu u t-tfaqqigħ tal-balal tal-kanuni mill-art u tal-mitralji mill-ajru kienu donnhom waqfu għalkollox bħal meta, wara l-istaġun tal-passa tal-għasafar tal-kaċċa ma jibqax jistama' kmieni fil-beraħ tal-għelieqi l-isparar, wieħed wara l-ieħor, ta' l-ixkubetti tal-kaċċaturi. Xi ħadd ħaseb li dik kienet bħal ħemda qarrieqa u iktarx li ma ħasebx ħażin.

Ix-xewqa li targa' għal darha kienet ukoll tnisslet fi Trejżi billi 'l ommha kienet taraha ma tiflaħx u magħdura,

barra minn darha, fil-waqt li l-qraba, il-ħbieb u ġirien li bihom setgħet titwennes u jkollha xi għajnuna minnhom biex jagħtu daqqa ta' għajn 'l ommha kienu, tista' tgħid, kollha imxerrdin jew imbegħdin. Fettlilha, għalhekk, għeluq il-ħarifa u l-bidu tax-xitwa tinżel niżla r-raħal ma' waħda mill-ħbieb tagħha u trewwaħ il-kmamar li kienu ilhom magħluqin għal ħames xhur sħaħ. F'dan iż-żmien kollu r-raħal ma kienx fadal wisq nies,ħlief xi raħħâl, xi bidwi u xi erbgħa min-nies, xjuħ li ma kellhomx fejn imorru jgħixu biex jaħarbu mill-ħsara ta' l-attakki tal-għadu. Dawn kienu bil-lejl jistkennew fil-garagor tal-kamqnar jew jidħlu jorqdu fil-kannierja tal-knisja. Fit-trufijiet tar-raħal kien hemm it-tined tas-suldati. Fil-misraħ ebda ruħ u ma kontx tara dieħel il-knisja ħlief il-kappillan, is-sagristan u lid-deffien. Ħwienet ebda wieħed miftuħ.

Iżda meta Trejżi niżlet iżżur lid-dwejra tagħhom sabet li r-raħal kien beda jarġa' jitgħammar b'xi nies li kienu twarrbu —xi ħanut beda jiftaħ fil-għodu u jagħlaq kmieni wara nofs in-nhar biex sidu jmur jinġabar ma' niesu li kienu għadhom igħammru 'l bogħod. Xi karettun mgħobbi bil-għamara miġbud minn xi ħmara jew bagħal kien dlonk jidher wieqaf u jħott quddiem xi bieb. Xi nies kienu reġgħu ġew biex igħammru f'darhom. Fil-misraħ, u 'l hawn u 'l hinn f'xi triqat tar-raħal, kienu tħaffru ġol-blat mas-seba' qasab lisfel mill-wiċċ tat-trieq xi postijiet tal-kenn għall-attakki tal-għadu mill-ajru, illi n-nies drat is-sejħilhom bl-isem Ingliż ta' *shelters* jew fuq ix-xeħta maltija bl-isem ta' *xeltrijiet* jew *xejtrijiet.* Id-daħliet tagħhom biċċa kienu għadhom mikxufin u oħrajn mibnijin u msaqqfin b'saqaf tal-konkos. Minn xi oħrajn li għadhom jitħaffru jew jit-wessgħu tara l-ħaddiema ħerġin, imgħobbija, biċċa bil-qfief tat-terrapien u mazkan, u oħrajn bil-ġebel maqtugħ. Dawn ix-xeltrijiet kienu tħaffru b'ħeffa kbira f'dawk l-inħawi fejn kienet saret l-ewwel u l-akbar ħsara u ħajru n-nies tar-raħal biex tarġa' għal darha.

Fil-Belt bdiet ukoll tidher tiċċaqlaq il-ħajja ta' dari u xi ħwienet, l-iktar tax-xorb, reġgħu nfetħu u qabdu jħawtlu fin-negozju tagħhom u t-toroq jiżegħdu bin-nies u l-mina tal-ferrovija l-qadima titbattal minn bosta minn dawk li kienu jgħixu fiha u jarġgħu għal darhom. Il-ħwienet tat-trieq id-dejqa reġgħu għal fil-għaxija jsemmgħu d-daqq tal-banda "Jazz" bit-taħbit tat-tanbur u tal-plattini tar-ram mħallta mal-għana tas-suldati u tal-"barmaids" li malli tit-bexxaq il-purtiera tal-bieb tal-ħanut kont tarahom qishom

ħafna friefet għal fuq dak is-suldat u l-ieħor f'baħar ta' dwal imsaħħab bid-dħaħen tat-tipjip.

Għalhekk wara xi jumejn li kienet marret tiftaħ u trewwaħ id-dar tar-raħal, Trejżi reġgħet niżlet ir-raħal għal kollox flimkien m'ommha u ħuha, insiet il-biża' tal-waqtijiet koroh li d-dinja kienet għadha tinsab fihom, in-nofs wegħda li għamlet f'qalbha li tibqa' tgħix miġbura f'dar ommha, u malli rat li ommha reġgħet ħadet ftit tar-ruħ u xbintha serrħitilha rasha billi wegħditha li għandha tieħu ħsieb ommha u torqod il-lejl magħha għal wens u għal dak li jista' jinqala', hija dlonk għamlet il-ħsieb li tarġa' għal ħajja ta' qabel u tidħol bħala "barmaid" fil-ħanut li fih kienet qabel. Ir-riġment ta' Freddie kien siefer għaċ-Cirinajka u l-ħajra tagħha kienet, għalhekk, imqanqla iktarx mix-xewqa li tikser ir-rotta ta' ħajja waħda u d-derri d-dwejjaq ta' dawk iż-żminijiet milli biex tarġa' tinseġ xi ġrajja oħra ta' mħabba ma' xi suldat.

* * *

Kienet bilkemm ilha xahar taħdem ta' "barmaid" f'dak l-istess ħanut fejn fil-bidu tas-sajf ta' dik is-sena kienet ġarrbet il-biza'u l-ħasdiet ta'l-ewwel attakk fil-għodu u dawk, iżjed ħorox, ta' dak in-nhar fil-għaxija — meta kellha hekk għal għarrieda bla ebda ħsieb ta' xejn iġġarrab wieħed eħrex u iżjed qalil li ħasad u riegħed il-belt u l-inhawi kollha ta' mal-Port il-Kbir, bl-Isla, Bormla u l-Birgu.

Fil-ħin ta' l-ewwel sigħat ta' wara nofs in-nhar, meta l-ħajja tal-belt kienet qiegħda tistenbaħ mill-ħedla ta'l-ajru fietel ta' nofs in-nahar xitwi u tithejja biex tiċċaqlaq u tistgħall il ftit sigħat ta' dawl li kien baqa' mill-jum ta' dak in-nhar, il-ħwienet tat-trieq id-dejqa fil-qalba tal-belt kienu diġà miftuħin beraħ u x-xebbiet tal-"bar", min min-sub fuq il-għatba, min bilqiegħda fuq banketta, ma' ġenb mejda, min f'nofs il-bwejba b'dirgħajhom miftuħin u b'idej-hom imqabbdin mal-koxox tal-bieba, b'ilbies imqaċċat u jistiednu lil xi suldat li jkun għaddej bid-daħka f'fommhom.

Trejżi tagħna kienet ukoll fost tlieta minn sħabha tlellex b'ilbiesha mqaċċat li għal xi xhur kienet uriethom id-dlam ġos-senduq ta' taħt is-sodda fid-dwejra tar-raħal, iżda d-daħka ta' fommha kienet minn xi żmien 'l hawn tbiddlet fi tbissima mitfija taħt għajnejn suwed miksurin; xi ħsieb 'l hawn u 'l hinn kien idellel il-ħarsa tagħha.

Kien sew sew fil-waqt li Trejżi kienet mixħuta b'nofs ħajra fuq banketta ħdejn waħda mill-imwejjed tal-ħanut

ittanbar fuq il-wiċċ tal-mejda b'subgħajha ta' idejha ix-xellugija, u b'rasha mmejla fil-keffa ta' idejha l-lemenija, meta f'daqqa waħda bħal berqa fuq ix-xefaq ta' sema ta' lejla sabiħa tas-sajf, instemgħet tniffed l-ajru l-għajta newwieħa tas-sirena. Trejżi qajmet rasha; tnejn minn sħabha li kienu jiċċaċċraw u jiddieħku f'rokna siktu f'daqqa waħda u waqqfu widnejhom. Waħda minnhom li kienet fil-bieb "Dan x'kien staqsiet?" "X'ħolmu bina?"--iżda ħadd ma stenna ebda attakk qawwi wara l-ħemda ta' l-aħħar xahrejn—u kulħadd, bħal ma kien ħadha bi drawwa, baqa' jagħmel ix-xogħol tiegħu, b'moħħu mistrieħ iktarx kont tarah joħroġ jittawwal u jarfa' ħarstu lejn is-smewwiet u jistħarreġ b'għajnejh lejn dik in-naħa minn fejn kienet tinstama' ż-żanżina ta' l-ajruplan.

L-għajta mkaxkra tas-sirena kien ilha li siktet x'ħin f'daqqa waħda infetaħ in-nar tal-kanuni kollha tal-fortizzi ta' madwar il-plajjiet u tad-daħla tal-port bi tfaqqigħ hekk qawwi li l-bini theżheż u l-bibien bil-paranti tat-twieqi bdew jiċċaqalqu u l-ħġieġ kollu jitriegħed. Wara ftit, mewġa wara l-oħra ta' ajruplani tal-għadu bi ħsejjes ġodda ta' twerdin, tvenvin u żanżin li jwaħħxu, jkexkxu u jkessħu d-demm ta' kull min samagħhom fuq rasu għaddiet fil-baxx tiknes l-ajru ta' fuq il-bjut tad-djar. Dlonk instama' it-tisbit ta' twieqi u bibien jingħalqu hekk kif inħass it-tpaqpiq tal-balal u tal-mitralji minn fuq l-ajruplani għal fuq bini u triqat l-isparar qawwi ta' kanuni fil-qrib u, wara ftit, it-tisfira ta' bomba, imbagħad ta' oħra, u wara ftit ta' oħra, li b'ħoss idamdam waqgħu mhux bogħod mill-qalba tal-belt—ħoss li riegħed il-bini u l-art ġewwa l-ħanut. Il-ħitan dehru jixxejru u l-armatura bil-fliexken jiċċaqalqu u t-tazzi ta' fuq il-bank jinqalbu. Ix-xebbiet tal-"bar" inħasdu, waqfu miċċaċċrar, wiċċhom sfar daqs il-qarsa tax-xema', ħarsu lejn xulxin; Trejżi, kollha imwerwra, qabżet minn fuq il-bankketta twieżen lis-suldat li kien bilqiegħda fejnha bit-tazza tal-birra quddiemu, u li mad-damdima mlaħlaħ kif kien bix-xorb inqaleb għal fuqha u kien għoddu mar fl-art li ma laqgħetux bil-ftit tas-saħħa li kien fadlilha.

"*Curse the Huns and Mussolini!*" gerger is-suldat fil-waqt li fettex jieqaf fuq saqajh, jixxengel 'l hawn u 'l hinn. "X'waħda din! X'ifaqqgħu l-balal u l-bombi! Qatt ma nħassu daqs il-lum! Il-Madonna tal-Karmnu tħarisna!"—Bdew igħidu mismutin dawk ix-xbejbiet. Trejżi, malli wieżnet u għenet lis-suldat joqgħod bilqiegħda f'rokna tal-ħanut, raddet is-salib, għaddset rasha u bdiet tgedwed it-talba lill-Madonna li minn xi ftit żmien kienet tgħallmet

l-Għeriexem fejn in-nies tal-ħara tagħha kienu jgħiduha kull lejla wara r-Rużarju. Wara ftit siket kollox, iżda f'daqqa waħda mewġ'oħra ta' ajruplani nstemgħet rieġa' dieħla tvenven u taqsam l-ajru fil-baxx b'żanżin ta' riħ qawwi li donnu ried iħebb għall-bini u jġarrfu; warajh xita ta' balal jċaqċqu waħda wara l-oħra. Wara ftit raġa' siket kollox u xejn ma nstama' iżjed, bħal mita fuq il-plajja jiskot il-mewġ qawwi tal-baħar malli jaqa' r-riħ u tarġa' l-ħemda bil-waħx tal-qirda li ħalliet warajha l-qilla ta' l-irwiefen.

Dak in-nofs ta' nhar u dik il-lejla Trejżi u sħabha tal-ħanut għaddewhom fil-bieb ma' oħrajn ta' ħwienet oħra ta' ħdejhom jlabalbu fuq il-ħsarat li saru mill-"blitz" ta' attakk bl-ajru li għall-ewwel darba kien sar dak in-nhar fuq il-gżira mill-Ġermaniżi.

Trejżi kellha mitt sena sakemm jisbaħ l-għada u titlaq għar-raħal għand ommha biex tara jekk safax kollox bis-sliema wara attakk hekk aħrax. Malli sebaħ ġabret il-ftit ħwejjeġ li kellha, għamlithom ġewwa l-qoffa ta' l-idejn, telqet u għodu għodu sabet ruħha wara bieb ommha tħabbat,

Ix-xemx kienet ilha mas-siegħa li telgħet, iżda t-trieq kienet baħħ, il-biċċa l-kbira tar-rġiel li jbigħu l-ħalib kienu għadhom bil-merħla barra, oħrajn fil-għalqa u xi nisa ġewwa bit-tfal li għadhom reqdin. Waħda mill-ġirien fetħet it-tieqa. Kienet Ketrin il-mara ta' Ġakbu, il-Ġennien tal-Baruni. "Ara Trejżi; mit-taħbita ħsibtu li int!" infexxet tgħid lil Trejżi, "Mn'Alla li ġejt, għax ommok kienet bi ħsiebek u ħuk kien ġej għalik. X'waħda din u x'waħda din! Ħadd ma raqad, kulħadd imwerwer. Id-dar ta' Ġanni, ir-raħħâl, weqgħet!"

"Weqgħet?! Kif?! Meta?!" Staqsiet Trejżi mgħaġġba bla ma ħallietha ttemm kliemha. U hawn infetaħ il-bieb u xirfet ommha, rasha mgħottija b'xalla, b'għajnejha miksurin, b'wiċċha musfar, u b'daqsxejn ta' rogħda fuqha. Għajnejn Trejżi, li kollha mibluha kienet qiegħda tistenna l-ġara twieġibha, dlonk inxeħtu fuq wiċċ ommha u bil-ħarsa wieqfa fuq tagħha donnha riedet tisraq u tkun taf minn għajnejh ix-xiħa il-għala kienet tidher hekk magħdura.

"Saħħa Ketrin! Imbagħad ngħaddi narak" qalet bil-għaġla Trejżi lill-ġara, mingħajr ma stenniet tweġiba u daħlet ġewwa m'ommha.

Omm Trejżi, wara dak it-taħbit u tbatijiet li ġarrbet minn meta kellha tiċċaqlaq minn darha u tmur barra mir-raħal tgħix għal xi żmien f'dar oħra, ħasset saħħitha dejjem

tonqosha, u bilkemm felħet tħarrek riġlejha meta fl-attakk aħrax tal-għadu tal-ġurnata ta' qabel wara nofs in-nhar il-ġirien gew iħabbtulha u niżżluha magħkom fix-xelter ta' tarf it-trejqa tal-misraħ. Dak il-ħin binha kien fir-raba' tal-barba Gawdenz u kellu jmur jistkenn ġewwa girna. Għal fil-għaxija, biex ma toħroġx minn friexha u barra minn darha bil-lejl, jekk qatt kellu jinqala' attakk ieħor u ma teħux kedda, kien ġarrilha saqqu tat-tiben bil-firxa u l-għata, u dak il-lejl kienet imteddet fuqhom ġewwa rokna tax-xelter. Iżda l-għada ma sebħitx f'sikkitha, ħasset bħal tkex-kixa bard ma' ġisimha kollu u nifisha maqtugħ u, dak il-ħin li waslet Trejżi, ma kenitx ilha li reġgħet lejn darha wara li sebħet fix-xelter.

Trejżi, wara li ġagħlet 'l ommha tmur timtedd u tistrieħ u għattietha tajjeb, kebbset in-nar, raddet il-borma; wara ftit ittawlet 'l ommha u sabitha rieqda, iżda nifisha maqtugħ u tqil u moħħha jaħraq; fetħet kisknijiet il-bieb ta' barra, ħallietu mbexxaq u marret tħabbat il-bieb tal-ġara Ketrin, għax kienet fuq ix-xwiek biex tkun taf sewwa xinhu li ġara fuq id-dar imwaqqgħa ta' Ġanni, billi lil ommha f'dik it-taħbila ta' ħass ħażin ma kienx il-waqt li toqgħod tistaqsiha.

"Ġanni kien dak il-ħin bil-merħla tiegħu f'xifer il-wied tal-Ħarruba fejn il-Barumbara taż-Zejtuni f'tarf ir-raħal u malli ħass dik il-ġliba ġfien ta' l-ajru ireddnu fuq rasu u jwaddbu dik ix-xita ta' balal u nirien, telaq jistkenn bil-merħla tiegħu ġewwa r-razzett ta' Ġamri tad-Dobri li kien fil-qrib. Kif taf int, din ix-xaqliba tagħna li taqleb għal fuq l-inħawi ta' l-ibliet messitha wkoll xi sehem ċkejken mill-ħebba tal-għadu — u fost il-bombi li waqgħu, biċċa fl-egħlieqi ta' tarf ir-raħal u xi tnejn qalb il-bini—waħda ġiet fuq fil-bitħa tad-dar ta' Ġanni. Martu dak il-ħin kie-net taħsel il-ħwejjeġ fis-setaħ u ommha mixħuta fis-sodda tistrieħ. Sew waħda kemm l-oħra, milli jidher ma kellhomx żmien jitħarrku minn fejn kienu, jew ma basrux bil-qilla ta' dak l-attakk u tnikkru; naf li mal-waqgħa tal-bomba d-dar sfat gozz ġebel u l-omm u bintha ntradmu taħt iċ-ċnagar ta' ħitan, travi u xorok ta' l-isqfa, u minnhom ma nsab xejn ħlief il-ġisem, bir-ras u s-saqajn imtertqa."

Hekk qalet Ketrin lil Trejżi li qagħdet tisma' minsuba fuq l-aħħar għatba tat-taraġ tal-għorfa fil-bitħa tad-dar tal-ġara, b'għajnejha mberrqin u b'widnejha miftuħin.

"U Ġanni?—" staqsiet Trejżi.

"Ġanni," wieġbet Ketrin, "inħallik taħseb il-ħasda u l-għalja li ħa hekk kif sar jaf bil-hemm li f'daqqa waħda waqa' fuq daru. Nies ommu dlonk bagħtu lil wieħed mill-ġirien jilqgħuh f'tarf ir-raħal u jagħtuh il-bxara ftit ftit qabel ma jasal f'daru, iżda malli tarrfulu li daru ġġarrfet u li l-mara u ħtintu jinsabu taħt ir-radam ta' ġebel, u li hemm iktarx xi tama li jaqalgħuhom ħajjin, dan bħal barra minn sensih, telaq jiġri, ħalla l-bhejjem warajh, u hekk kif wasal quddiem dak il-gozz ġebel, qasam il-kotra tan-nies, u b'idejh ġewwa xagħru nfexx igħajjat u jibki bħal tarbija u jsejjaħ lin-nies jaqalgħulu lil martu u jġibuhielu ħajja jew mejta..."

Trejżi mibluha, bid-dmugħ f'għajnejha ma fetħetx iżjed fommha; ħbiet wiċċha, u bil-kelmiet ta' "Msejken Ġanni, imsejkna martu! Alla jagħtih is-sabar!" ħarġet minn dar il-ġara biex tagħti daqqa ta' għajn lil ommha li kienet ħallietha rieqda fis-sodda.

* * *

Trejżi baqgħet f'dar ommha li, għalkemm wara ġimgħa ħadet xejra għall-aħjar, ma kenitx tiflaħ tmidd riġlejha bla ma taqta' nifisha. F'xi attakk tal-għadu mill-ajru, li 'l hawn u 'l hinn ħabat isir mal-lejl, lil ommha kienet tħalliha ma' ħuha, mhux minn qalbha, iżda daqs kemm ommha u ħuha kienu jgħidulha tmur tistkenn mal-ġirien ġewwa xelter fil-blat ta' wara l-knisja.

Lil Ġanni, li wara li safa' bla mara u bla dar, mar igħix bil-merħla tiegħu għand għammtu, ġie li ratu l-Ħadd kmieni għal quddiesa jew nhar ta' xogħol għal barka fil-għaxija l-knisja, u lejh kienet taqleb minn taħt l-għonnella dawk il-għajnejn tal-ħniena u Ġanni, b'ħarsa dejjem miġbura u ħosbiena, kont tarah ifittex xi rokna, joqgħod għar-rkobbtejh, irodd is-salib, jitlob ma' l-oħrajn, u, huwa u ħiereġ, jekk jiltaqa' ma' għajnejn Trejżi jfittex li għal dak il-ħin jaħrabhom, iżda mbagħad bla ma jrid iġibhom quddiem għajnejh, u l-ħarsa tagħhom tal-ħniena jnisslulu f'qalbu faraġ hekk ħelu, li għal xi ħin kien jinsa d-dinja ta' niket u dwejjaq li fihom sab ruħu hekk għal għarrieda. Ġie li Trejżi kienet tarah ukoll f'rokna fix-xelter għal fil-għaxija jew bil-lejl, dejjem ħosbien, iżda għad-damdima ta' xi bomba fil-bogħod, kien iqajjem rasu, u, fil-ħin li n-nies imriegħda ttenni l-litanija, jarġa' jgħaddas rasu u jitfa' idejh it-tnejn f'xagħru.

Kienu għaddew ma' l-erba' xhur minn mindu hija kienet reġġhet lejn dar ommha, meta ħuha, flimkien ma' żgħażagħ ta' għomor wieħed, kellu jmur għal-lieva li minn xi ftit taż-żmien kienet twaqqfet f'dawn il-gżejjer. Hu kellu jitlaq mir-razzett tal-barba fejn kien idur bil-bhejjem, jinfired minn ommu u oħtu u jilbes ta' suldat għal taħt il-kampijiet tat-trufijiet tal-Mellieħa. Ġanni ma sogħob bihx għas-servizz li fih kellu jingaġġa, iżda għall-imsejkna ommu li kellu jħalliha hekk magħdura fil-waqt li kienet tinħtieġ min jindukraha u jieqaf magħha fi żminijiet hekk koroh u ta' qtigħ il-qalb.

Kienet lejla tar-rebbiegħa u barra kienet għadha tinħass daqsxejn is-sirda ta' wara t-taqlib ta' l-ajru u l-qamar kien ilu li tala' minn xi siegħa wara li għabet ix-xemx, ixerred fuq il-misraħ u t-triqat ħiemda tar-raħal xmara ta' dawl hekk qawwija li labra kont tilmaħha fl-art. Is-skiet ta' l-ajru kien 'l hawn u 'l hinn jinkiser mit-tvenvin ta' ajruplani għaddejjin jaqsmu s-smewwiet bid-dwal ħomor, bojod u koħol fil-ġnub u fid-denb. Il-lejl kien daħal ġmielu u n-nies tar-raħal, xi wħud kienu fuq l-egħtiebi ma għandhomx sabar imorru jorqdu; oħrajn qrib il-bieb tax-xelter, bil-qiegħda fuq xi ħaġra, u oħrajn għajjenin, mimdudin, jonogħsu jew b'għajnejhom imbexxqin u b'widnejhom weqfin biex malli jisimgħu l-leħen tas-sirena jitilqu jiġru għall-kenn.

Kien qaleb nofs il-lejl. Trejżi, wara li qalet xi ħaġa tat-talb u r-rużarju m'ommha li kienet mixħuta fis-sodda, kif rat li din għalqet għajnejha, resqet maqgħad tas-sogħda ma' ġenb is-sodda, qagħdet bil-qiegħda fuqu u meddet rasha min-naħa ta' driegħ ommha. Idha l-waħda ġewwa ħoġorha kienet għadha bil-kuruna tar-rużarju biż-żibeġ tal-lariġ u idha l-oħra taħt rasha. Għalkemm għajnejha magħluqa Trejżi baqgħet imqajma u ngħas ma seta' bl-ebda mod jidħol f'għajnejha. Id-dlam tal-kamra kien miksur biss mid-dawl inemnem tal-lampa fuq il-gredenza quddiem ix-xbieha tal-Madonna tad-Duluri. Il-ħemda tal-lejl f'daqqa waħda inkisret mill-għajta newwieħa tas-sirena. Wara ftit instama' t-tgeġwiġ ta' nies għaddejjin igħaġġlu, imbagħad skiet, imbagħad it-treddin ta' ajruplan għaddej fl-bogħod. Wara ftit taħbita ċkejkna tal-bieb. Trejżi qajmet rasha, intebħet li xi ħadd mill-ġirien ġie jħabbtilha biex tqum għax ġej attakk mill-ajru. Qamet fuq saqajha u resqet qajla qajla lejn il-bieb.

"Min hemm?"—Staqsiet,

"Jiena, Grezz. Daqqet is-sirena".

"Iva, smajtha!"

"Nistennik."

"Tistenninix, Grezz. Omni jħossha ħażin u ħija mhux hawn."

"Ma tiġix?"

" Le, Grezz. Weħidha ma nħallihiex". F'daqqa waħda nstemgħet bħal xita ta' sparar ta' kanuni mill-art minn xi furtizza fil-qrib.

"X'waħda din, qegħdin fuqna!" instemgħet tgħid il-mara ta' wara l-bieb. U xejn ma nstama' iżjed ħlief ġiri u tgeġwiġ ta' xi erbgħa minn nies għaddejjin iħaffu l-pass. L-ajru kien mixgħul bi strixxi ta' dwal mitfugħin minn erba' naħiet tad-dawra tas-smewwiet jiġru wara l-ħoss ta' ajruplan tal-għadu u jissallbu biex jistħarrġu u jikxfuh. Leħħa ta' berqa bi tfaqqigħa ta' bomba warajha ġagħlet il-ftit nies li baqgħu wara l-bieb tax-xelter jinżlu jiġru t-taraġ tad-daħla, iqajmu lil min kien minsub fuq xi tarġa jew iħarrku lil dawk l-oħra li kienu bil-wieqfa fil-mogħdija. Isfelnett kotra ta' rġiel u nisa, min b'banketta f'idejh u min b'saqqu; ommijiet bit-trabi fuq driegħ wieħed u b'borża mimlija bi fliexken tal-ħalib jew misħun u ftietaq oħra fid-driegħ l-ieħor, missirijiet isuqu 'l uliedhom jibku għax qajmuhom u għadhom bin-ngħas, xjuħ imħattbin jitwieżnu fuq xi biċċa ħatar ifittxu xi rokna fejn jistrieħu; kulħadd iross u jħabrek biex jilħaq xi mkien fejn joqgħod bil-qiegħda; tgeġwiġ u għagħa; min ifittex u jsejjaħ, min igemgem għax kien fl-aħjar nagħsa u kellu jqum, min iraħħam u jitlob li tfittex tasal dik is-siegħa li jgħaddi dak il-hemm minn fuq il-gżira, min jagħti l-ħtija ta' dak il-hemm lill-ħażen tad-dinja... x'ħin f'daqqa waħda waqgħet bħal ħemda. Xinhu u mhux?... Instemgħet waħda wara l-oħra d-damdima ta' sparar qawwi tal-kanuni għal fuq l-ajruplani tal-għadu għaddejjin fil-għoli. Wara ftit skiet, imbagħad il-ħoss ta' bomba mitluqa jidwi b'dagħdigħa f'qiegħ ix-xelter. Dlonk xi ħadd minsub quddiem niċċa fejn kien hemm santa tal-Madonna tal-Karmnu imwaħħla mal-ħajt b'żewġ xemgħat jixegħlu u ftit ward f'tazza, beda jrodd is-salib u b'leħen għoli jqassad ir-rużarju.

Id-dalma ta' dik il-ħofra tawwalija għamla ta' mina taħt l-art kienet miksura minn xi lampi mqegħdin ġewwa toqob 'l hawn u 'l hinn imħaffrin fil-ħitan tal-blat u d-dawl bajdani li jarmu kien jikxef xi ftit mill-uċuħ ta' dik il-miġimgħa ta' nies igedwdu is-"Sliema" u l-"Qaddisa", għaj-

nejhom mgħobbijin bin-nghas, rashom mgħaddsa, kollha bi lbiesi ta' bin-nhar li ;raqdu bihom, il-biċċa l-kbira nies tar-raħal, rġiel b'xi ġlekk oħxon fuq daharhom u nisa b'xi maktur fuq rashom, u fost dawn xi tfajla bi lbies ħafif imżewwaq u mqaċċat u b'xalla fuq rasha madwar għonqha, b'għajnejha mbexxqin u b'xufftejha jiċċaqalqu kemm kemm.

Kien għadu kif intqal ir-rużarju u ntemmu l-aħħar kelmiet tat-talba wara l-litanija meta n-nisa li sa dak il-ħin kienu ssabbru b'ilsienhom meħjut bdew igeġwġu u jreddnu, dik fuq il-għoli tal-ħajja, l-oħra fuq in-nuqqas ta' żejt u sapun l-oħra fuq it-tbatija li batiet mar-raġel u mat-tfal f'dar ħaddieħor jew ma' oħrajn bħalha li telqu 'l darhom, f'xi kamra jew għorfa fejn kellha tmur tistkenn, oħrajn fuq il-għaks ta' bottijiet ta' ħalib u gażażi għat-trabi, u min imaqdar l-isfiq ta' wiċċ tax-xbejbiet tal-lum, min id-drawwiet ħżiena u ż-żina tad-dinja, min jissokta jgħid illi l-gwaj tal-lum hija tbeżbiża mis-Sema, u min iredden fuq ħaġa u min jiċċaċċra fuq oħra, qamet bħal tgeġwiġa bħal dik ta' mitt għasfur ġewwa gaġġa waħda: għagħa ta' tlablib li kisret għalkollox il-ġabra ħiemda ta' dik il-kotra nies li ftit ilu kienet qiegħda titlob b'leħen hekk kiebi u mistur x'ħin f'daqqa waħda nstama' bħal tvenvin ta' riefnu qawwi, bħal ħoss ta' ħalel tal-baħar iħabbtu mal-plajja u xita ta' sparar mill-kanuni, u wara daqsxejn ta' [skiet treddin ta' l-iskrun ta' ajruplan jitkaxkar fil-qrib, it-tisfira u tfaqqigħ ta' tliet bombi. Mad-damdima nħass ġewwa x-xelter bħal buffura qawwija ta' riħ li xeħtet ma' l-art u sabbtet mal-ħitan lil xi wħud ta' tarf it-taraġ fil-waqt li dgħaben ta' trabijiet barmu u geżwru ġewwa fihom bħal ġewwa liżar abjad lin-nies kollha ta' ġewwa l-mina li baqgħu moħbijin għal kollox sakemm id-dawl inemnem ta' xi lampa li ma ntfietx beda bil-ftit il-ftit jagħzel u jderri dik is-sħaba sfiqa ta' għabra li minnha bdew ħerġin l-uċuh musfara ta' nies jirtogħdu u jixxenglu bil-biża'.

"Ħniena jkollok minn ħafna ommijiet imdejqa... għall-mewt ta' wliedhom. Ħniena minn bosta ltiema—ħniena mill-imsejkna Ewropa li fuqha mdendla t-tehdida ta' ħerba kbira..."

Hekk minn fomm il-kotra mwerwra taħt dak il-blat beda b'leħen li jitlob ħniena jinstama' jidwi xi kliem wara dak ta' raġel għar-rkobbtejh quddiem ix-xbieha tas-santa tal-Madonna tal-Karmnu. Iżda fil-waqt li dana waqaf u beda jgħid il-litanija: *Sultana tal-paċi...* in-nies ta' ġewwa x-xelter, li bil-kemm laħqet wieġbet bit-talba: ***Ikollok ħniena***

*minna,* siktet f'daqqa waħda. Fit-taraġ tad-daħla nstama' bħal għagħa u nies nieżlin igħajtu: "Waqgħet id-dar ta' omm Trejżi ta' Majsi, u hemm in-nies mirduma!"—Waqa' bħal skiet ta' mewt. Il-lsien u d-demm tan-nies ta' hemm ġew kesaħ, il-ħarsa tan-nisa ntrefgħet mill-art u waqfet mgħaġġba tistaqsi bil-għajnejn.

Minn ġewwa rokna mudlama fejn kien hemm dejjem b'rasu mgħaddsa fil-ħofor ta' idejh raġel raħli, nstemgħet l-għajta ta' mara: "Imsejkna Trejżi, dik baqgħet m'ommha... xi ħadd imur jara... xi ħadd imur jeħlisha!"—Dak ir-raġel rafa' rasu, qam minnufih fuq riġlejh u bla ma tkellem u staqsa xejn qasam in-nies li kienu fil-mogħdija u malli ħeles mix-xkiel tar-riġlejn u qabad it-tarf tat-taraġ tala' b'ġirja waħda u telaq għat-trieq id-dejqa ta' wara l-knisja. Kien Ġanni r-raħħal. Warajh tqanqlu xi nofs tużżana rġiel oħra qalbiena, u hekk kif wara ftit reġgħet daqqet is-sirena b'għajta sħiħa u qawwija biex turi li l-ajruplani tal-għadu għaddew, in-nies kollha ta' ġewwa x-xelter, nisa, rġiel u tfal irħewlha lejn id-dejra mġarrfa ta' omm Trejżi.

Il-qamar kien qorob biex jinħeba, iżda d-dawl tiegħu kiebi kien għadu jiddi fuq it-toroq, l-għorof u l-egħlieqi ħiemda tar-raħal. Ġanni, bħal wieħed mitluf minn sensih, iżda b'qalb ta' ġorf li ma taf b'ebda biża', għalkemm il-qirda ta' daru u ta' martu kienet mewtitlu kull ħeġġa u ħila u kien sar donnu bħal mibluh, hekk kif wasal quddiem id-dwejra ta' omm Trejżi li minnha ma kien fadal xejn ħlief ġebel u trab—waqaf għal ftit, rabat idejh, dawwar il-ħarsa tiegħu 'l hawn u 'l hinn, medd riġlejh il-quddiem, rifes bil-qajla il-qajla fuq ġenb wieħed fejn deherlu li lemaħ bħal bieba u dahar ta' siġġu miksur taħtha, tawwal idejh, qala' l-ġebel ta' madwar il-bieba u bl-aħħar dija tal-qamar kixef ħofra li minnha bi tbatija sata' jgħaddi bniedem; baqa' jaqla' r-radam tal-ġebel: "Tuni mgħażqa u zappun, xi ħadd igħini nnaddaf dan it-trab". Mal-għajta sab miegħu tnejn minn sħabu tar-raħal li fil-barrieri kienu mdorrijin iqandlu l-itqal ċnagar għal fuq il-karettun, u wara li għinuh inaddaf il-ġebel u trab hu fetaħ u wassa t-toqba. Mixħut minn tulu qalb dak ir-radam, b'rasu mdendla ġewwa d-daħla tal-ħofra, qagħad jissamma'. Deherlu li sama' l-krib ta' mara. Ħareġ rasu, qal lil sħabu jieqfu mit-taħfir biex jisma' sewwa, qam u, wara li warrbulu xi ġebel li kien qed ixekkluh, nieżel rasu 'l isfel u għab għal kollox. Ġanni baqa' dieħel ġewwa l-vojt għal wara dak il-krib li kien donnu qed jitmewwet u jintefa, beda jteftef b'idejh ġewwa d-dlam u ħass bħal

koxxa ta' bieb. Sejjaħ u talab idendlulu fanal, riġlejh ħabtu ma' xorka, u ma' xi qsari miksura. Il-krib kien donnu ħiereġ mix-xaqq ta' dik il-bieba. Wara ftit, bid-dawl tal-fanal li newlulu sata' jara sewwa li qiegħed f'rokna tal-mandra qalb ir-radam ta' ċnut u ħitan tas-sejjieħ. B'daqqa ta' rkobba tafa' l-bieb ġewwa u minnufih sab ruħu ġewwa għorfa bis-saqaf nofsu mġarraf. Minn fejn kien għadu jinstama' l-leħen batut u maħnuq ta' krib kien mgħotti b'żewġ travi mmejla bix-xorok, biċċa mfarrka u oħrajn sħaħ. Ġanni warrab b'idejh il-ġebel minn taħt u wassa' l-fetħa kemm igħaddu tnejn min-nies, tmejjel, għaddas rasu u daħal, u hemm bid-dawl ta' lampa tal-Madonna tnemnem jilmaħ lil Trejżi għar-rkobbtejha quddiem ix-xbieha tal-Madonna, mgħannqa m'ommha fuq is-senduq ta' fejn il-gredenza. Trejżi, xagħarha kollu mħabbel u mimli trab, ħwejjiġha mċarrta u driegħ wieħed mibrux u ħiereġ minnu d-demm; rasha mitfugħa lura wiċċha mxarrab bil-għaraq u bil-biki, għajnejha mberrqin lejn is-saqaf, xufftejħa koħol, snienha jċekċku, ġisimha kollu jirtogħod, sidirha jilheġ. Ommha b'rasha kollha dmija b'daqqa ta' xriek maqsum li niżel ma' dirgħajha għal fuq il-ġenb tas-senduq, kellha għajnejha magħluqa bis-sfura tal-mewt fuq wiċċha.

Ġanni mess idejn ix-xiħa, kienet kiesħa; ħall lil Trejżi minn ħdan ommha, qalagħha bis-sengħa kollha minn qalb ir-radam ta' madwarha, tafagħha fuq driegħu x-xellugi, u bil-għajnuna tal-fanal imdendel quddiem il-bieb tal-mandra, sab l-inqas mogħdija mwiegħra, u fejn riġlejh ma sabux is-sħiħ, twieżen mal-ħitan imġarrfa b'idu l-leminija u ħareġ bi Trejżi għaxja minn dik il-ħerba ta' ġebel fejn l-imsejkna xbejba flimkien m'ommha kienet sa ssib il-qabar tagħha.

* * *

Kienu għaddew xi xhur minn mindu bl-aħħar attakk tal-għadu mill-ajru kienet iġġarrfet id-dar ta' omm Trejżi u x-xwejħa kienet baqgħet mejta taħt ir-radam ta' ġebel u Ġanni kien ħataf u ħeles minn ħalq il-mewt lil Trejżi. Iżda t-treddin ta' l-ajruplani tagħna kien għadu jinstama' lejl u nhar; telgħin u neżlin mil-Lvant, mil-Lbiċ u mill-Punent tal-Gżira, daqqa sejrin jiżirgħu l-qirda u mewt fuq art il-għadu, u daqqa biex jilqgħu l-għadu u jiġġieldu miegħu, fil-waqt li kien għadu wkoll jinstama' jdamdam fil-bogħod u fil-qrib xi tpaqpiq ta' mitralji, xi sparar ta' kanuni mill-art, xi tfaqqigħha fil-bogħod ta' bomba mal-għabex, bil-lejl jew mas-sebħ, u n-nies tar-raħal kienet għadha ma

stenbħitx għal kollox mid-dehxa ta' l-aħħar attakk aħrax ta' bil-lejl, Iżda, fl-aħħar waqgħet bħal ħemda u l-leħen newwieħi tas-sirena fil-bogħod kont tisimgħu, u meta tisimgħu, dlonk warajh tisma' żżarżar l-għajta tas-sinjal illi l-għadu telaq.

Trejżi wara l-mewt t'ommha sfat waħidha u marret tinġabar fid-dwejra ta' xbintha fil-ħara ta' tarf ir-raħal, erba' bibien bogħod mid-dar fejn Ġanni kien mar igħammar bil-merħla tiegħu għand zitu. Ġanni, fiż-żminijiet koroh li kienu għaddejjin, issa li kien romol, meta kien għadu żagħżugħ, ħass iżjed minn qabel il-waħx ta' dik il-ħajja; Trejżi mill-banda l-oħra wara l-hemm li ġarrbet fi-aħjar ta' żgħużitha, ħasset il-bżonn li jkollha min iħarisha, min ifarraġha, mhux biż-żegħil tad-dinja fiergħa, iżda bis-sedq ta' ġibda u mħabba safja taħt is-saqaf ta' dar kennija, u ma xtaqitx iżjed li tintefa' f'dik il-ħajja qarrieqa ta' l-ibliet ġewwa ħwienet fejn il-qalb ma sabet ebda mistrieħ. Minn dak il-lejl li Ġanni kien ħelisha mill-mewt, Trejżi ħasset, bla ma taf kif, min jiġbidha u jressaqha lejh, u minn dak innhar li saru l-ġirien ta' xulxin, din il-ġibda ta' Trejżi lejn Ġanni u ta' Ġanni lejn Trejżi, xegħlet u kibret bħal ħuġġieġa tal-ħuxlief li taqbad f'daqqa malli tressaq l-inqas xrara ta' nar.

Il-ħarsa ta' Ġanni hekk mas-sebħ malli joħroġ u kemm fil-għaxija kif jinġabar mill-merħla, kienet tiltaqa' ma' dik ta' Trejżi ħierġa għall-għalqa jew ġejja mill-għalqa u wiċċ ix-xbejba din id-darba, bla ebda tiżjin ta' żebgħa fuq xuftejha, jew nir dwar l-għajnejn u l-ħuġbejn, kien jistħajlu bħal meta kien rah l-ewwel darba b'dawk il-par wardiet fuq il-għajn hija u ġġorr il-qliel ta' l-ilma lil ommha, b'dawk il-għajnejn jiddu bid-dija ta' ruħ ta' anġlu.

—"Saħħa Ġann"—"Saħħa Trejż"; u mat-tbissima ta' wieħed u ta' l-oħra ż-żewġt iqlub kienu jiltaqgħu u jdumu jitkellmu bil-ħsieb il-jum kollu jew mal-lejl.

Xbint Trejżi u z-zija ta' Ġanni dlonk kont tarahom bilkiss il-kiss ifittxu lil xulxin u jmorru jlabalbu f'rokna waħidhom u jsefsfu f'widnejn xulxin wara li joħroġ Ġanni u Trejżi tmur il-għalqa jew taqdi xi qadja u ma damux biex itemmu x-xewqa ta' wieħed u ta' l-oħra bil-ħajra li jarawhom miġburin flimkien taħt saqaf wieħed għax hekk kien mn'Alla. Trejżi wara ftit ġranet tal-laqgħa tagħha ma' Ġanni quddiem xbintha u z-zija ta' Rożi, qabel ma waslet biex tmur tgħammar mas-sieħeb taħt saqaf wieħed, kont

taraha wara li joħroġ fil-għodu kmieni bil-merħla tal-mogħoż għall-ibliet tmur tiknislu l-maqjel, tqattagħlu s-silla, timlielu l-imxatar bil-ġwież u l-istla bl-ilma.

Iżda Trejżi ma dametx ma nġabret f'darha bir-razzett li Ġanni kien wiret minn għand missier ommu,—raġel bidwi xiħ. Ir-razzett bir-raba' madwaru kellu x-xatba tiegħu tagħti għal fuq it-trieq ta' tarf ir-raħal, fejn mal-koxxa talbieba tagħha darba waħda huwa u rieġa' lejn daru millibliet bil-merħla, Ġanni kien lemaħha mrekkna titħaddet mas-suldat Freddie. Minn dak il-bieb tax-xatba, hija u dieħla l-ewwel darba fid-dar il-ġdida, Trejżi waqfet u baxxiet rasha, u wiċċha sar aħmar nar. "X'int taħseb?", staqsieha Ġanni. Trejżi baqgħet b'rasha l-isfel, ċaqalqet fommha: "Kemm kont belha!" temtmet "kemm domt ma għaraftek, kemm domt ma fhimthek!"

"Iżda issa għaraftni?"

"Iva Ġanni."

"Iżda issa fhimtni?"

"Iva Ġanni."

"U tibqa'?"

"Għal dejjem!"

U bla ma riedet infexxet f'bikja u ntelqet fi ħdanu Hemm qabel ma ġibed il-ħabel tar-rixtellu biex jirfes ma Trejżi mill-għatba l-ġewwa, Ġanni f'dik l-istess rokna fejn kien lemagħha tkellem lil dak li kien seraqhielu minn qalbu, raġa' laqagħha fi ħdanu biex qatt ma tinfired minnu. Iżda Trejżi ma marretx għand Ġanni waħidha. Flimkien mal-għamara xtaqet lil Ġanni jġorrilha ħaġa wisq iżjed għażiża minn kull ħaġ'oħra li biha għammrilha l-għorfa— u din fost l-għamara qadima tad-dar t'ommha li baqgħet ħajja, kienet ix-xbieha għażiża tal-Madonna tad-Duluri, li bis-saħħa tagħha hija ħelset mill-mewt, u li lejha kellha qima hekk kbira u lilha kienet tant tħobb titlob. U Ġanni, bla ma qagħad jaħsibha darbtejn, ta' qalbieni li kien, bla ma qagħad jistenna li jitnaddaf u jitwetta l-ġebel imġarraf tad-dar reġa' daħal taħt dik il-ħerba ta' radam tal-biża; u minn hemm ħareġ ix-xbieha għażiża tal-Madonna tad-Duluri li quddiemha huwa u l-mara kull fil-għaxija qabel ma jmiddu rashom fuq l-imħadda kienu jinżlu għar-rkubbtejhom u jroddulha ħajr talli ħarsithom mill-mewt u saħansitra mill ħsarat tal-hemm li fih kienet tinsab id-dinja, u hekk kienu jagħalqu għajnejhom b'rashom mistrieħa fid-

dalma miksura mid dija ċkejkna tad-dawl iteptep tal-lampa tal-Madonna li kienet twennishom... fil-waqt li fuq rashom it-tvenvin ta' ajruplani għaddejja kienu jħossuh f'widnejhom bħal għanja lejlija li bih dari għajnejhom kienu jingħalqu fl-iżjed nagħsa ħelwa.

A. Cremona.

# Il-Għelma tal-Ħelsien

*Lil Michael Kissaun b'xhieda ta' l-akbar ħbiberija.*

Fuq baħar kbir ta' ramel qed jiġġieldu,
Ġo ħalq il-mewt, fin-nar u d-demm jissieltu,
Il-Qalbenin b'ħeġġa ta' Qima w Rieda
Li ma jqisux il-għaks u l-waħx tal-ġlieda;
Driegħhom mogħnija bil-qawwa li ttemm,
Ħsiebhom fir-Rebħa li wasslithom hemm.

Hemm qed jiġġieldu f'taqbidiet bla ħniena;
X'qatt jista' jbażża' dawk in-nies qalbiena
Li raw tidħak il-Mewt? Dħaħen u biża':
L-ulied jisfaw iltiema u jormlu n-nisa.
Imma mill-biki w l-hemm għad naħsbu l-ferħ,
Wara t-taqdir ikollna l-ħajr u s-serħ.

Il-Ħaqq għad jirbaħ, w għad jegħleb fis-sewwa
Il-qilla w l-għira ħarxa ta' l-egħdewwa.
Għax jirbaħ kull min f'qalbu jgħożż l-Imħabba,
Min ixerred id-demm, bla għajb imtabba'.
U fuq dil-qerda minn tal-ġaus w ż-żmien
Tperper, rebbieħa, l-Għelma tal-Ħelsien.

18/2/'42

Ġużè Chetcuti

# IL-ĠMIEL LETTERARJU

# FIL-POEŻIJA TA' DUN KARM

Dun Karm, bil-poeżija għolja u mirquma li tul medda ta' madwar 30 sena għaraf jagħti lil Malta letterarja, ħassel isem—li bir-raġun kollu jixraqlu—ta' l-ogħla poeta nazzjonali tagħna. F'xi żmenijiet f'ilsna barranin insibu li bosta drabi qamu ħafna kustjonijiet dwar min kien l-akbar novellista, l-akbar rumanzier jew l-akbar poeta ta' dik in-nazzjon jew l-oħra. Imma f'Malta kulħadd jaf li kustjonijiet bħal dawn dwar l-akbar poeta tagħna jkunu barra minn lokhom jekk jinqalgħu. Isem Dun Karm poeta xtered ma' Malta kollha, u bis-saħħa ta' ħbieb ħabrieka l-barranin saru jafu wkoll xi jsarraf il-ġmiel klassiku tal-poeżija tiegħu. Nistqarru: fl-ogħla sema tal-poeżija maltija hu qed igħix waħdu. Il-qawwa li tiġbed, li tħajjar, li tgħallem, li ssaħħar fil-poeżija tiegħu għad ħadd ma laħaqha, u hi għadma wisq iebsa biex 'il quddiem għad wieħed jisboqha u jegħlibha.

* * *

Kienet is-sena 1912 meta Dun Karm, imħajjar u mħeġġeġ minn xi ħbieb tal-Malti, taha għall-kitba b'ilsien art twelidna. U kif kien xieraq, l-ewwel poeżija li kiteb kienet reliġjuża: "Quddiem ix-Xbieha tal-Madonna."

Il-poeżija reliġjuża, bħal kull poeżija oħra, f'idejn Dun Karm dejjem tħaddmet b'qawwa mill-akbar. Il-ħsieb dejjem għaraf ifissru b'mixja ħafifa ta' versi, bla tiġbid u bla tqanżiħ. Il-kelma maltija, b'sengħa u b'sabar li mhux żgħir, dejjem għaraf jagħtiha x-xeħta li jrid hu, u joħloq minnha xbihat qaddisa u ħjelijiet ġodda u kbar. Kif jixhdu għadd sabiħ ta' poeżiji, fosthom insemmu "Il-Vjatku", "Il-Monument", "Mater Purissima", "Dan min Hu?", u "Wara Ħamsa u Għoxrin Sena", Dun Karm dejjem irnexxielu jonqox ġmiel u sbuħija u jagħti lewn u ħajja lill-poeżija reliġjuża, u minnha jnissel tqanqiliet spiritwali qawwija.

* * *

Element ieħor għamel mill-poeżija ta' Dun Karm poeżija għanja fil-ħsieb, għammieqa fl-intwizzjoni, mimlija b'dik l-imħabba li mingħajrha ma hux poeta: l-imħabba lejn ommu.

Fil-poeżija "Il-Jien u Lilhinn Minnu"— l-aqwa poeżija li qatt inkitbet fil-Lsien Malti, mogħnija b'sentimenti nobbli u b'fantasija għammiela —Dun Karm idaħħal l-isem t'*ommu* u jorbtu ma' l-ogħna ħsebijiet u ma' l-aħjar tqanqiliet tal-qalb. Fin-niket, fil-ħsara, fil-hemm u fil-biża' li ġieli ħabbtu wara biebu, dejjem fittex 'l ommu, u kull meta ma sabx lilha, sab il-kelma wtieqa, bnina, fejjieda li kienet tgħidlu sa minn ċkunitu: Jekk l-imrar idellilłek darek, qatt la tirtema taħt it-toqol tal-ħajja.

Ommu kienet ukoll l-ispirazzjoni ewlenija f'poeżiji oħra, bħal "Is-Salib" u "Il-Kelma t'Ommi": f'ta' l-ewwel il-poeta jfisser l-ewwel għafsa ta' niket li ħass. Imbeżża', ġera f'ħoġor ommu, u din 'b'dik l-imħabba li ttuq' għarrfitu li għalih infetħet it-triq tat-tiġrib, imma xejn ma għandu għax jaqta' qalbu għax jekk jagħraf jerfa' b'rieda u b'fehma sħiħa s-Salib li tah Alla, jiġi żmien li jibda jħobbu—'imma dan jifhmu mal-ħarba tas-snin'. Fil-poeżija l-oħra " Il-Kelma t'Ommi " naraw dik l-istess ġibda sabiħa għall-kelma 'tfuħ bħas-sagħtar u l-plejju' li għallmitu ommu 'f'dik l-iskola ta' ħlewwa':

Oh kelmet ommi safja !<br>
Oh kelmet ommi rżina !<br>
Il-ħaqq u s-sewwa ħbiebha,<br>
Fil-ferħ, fil-hemm ħanina !

Fil-poeżija "Waħdi" naraw li l-poeta fil-moħba ta' ħsiebu, maħqur u mitrud mid-dinja qarrieqa w ħarxa ta' madwaru, dejjem hemm jiddi dak id-djamant sabiħ, dak il-hena u dak il-faraġ, li taf iġġib dik l-omm ħanina li ttuq, li tfarraġ, li thenni. Fl-aħħarnett, fl-erba' strofi li jħaddnu l-poeżija, ċkejkna imma ħelwa fil-ħsieb, "Lill-Madonna tal-Karmnu", nsibu poeżija oriġinali li fiha bħala wieħed mill-karattri prinċipali niltaqgħu ma' dik il-mara twajba' li kienet ommu. Kull poeta li ħassel isem kbir dejjem żamm biex tmexxih fil-kitba tiegħu u tispirah għal ħsebijiet u xejriet għonja, xi bniedma, xi ruħ twajba, li hu kien iħobb u jgħożż l-aktar: hi kienet bħal dak id-dawl li fid-dlam tal-lejl juri t-triq mnejn wieħed għandu jterraq u jgħaddi bla tfixkil. Hekk kienet Beatrice għal Dante, u Lawra għal Petrarka. Hekk kienet "The Unknown Lady" għal Shakespeare. U hekk nista' ngħid li għal Dun Karm kienet *ommu*: l-ispirazzjoni għolja, kbira u sabiħa, wara, ma għandniex xi ngħidu, dik l-ispirazzjoni ogħla, ikbar u isbaħ, li hija l-Madonna:

Omm u Xebba minn dejjem bla tebgħa,
L-akbar għaġeb li qatt raw is-snin.

* * *

Għal bosta snin, sena wara l-oħra, Dun Karm kiteb bla ma qata' għadd ta' poeżiji li jfakkru n-Nawfraġju ta' San Pawl. Kif igħidilna hu, ix-xewqa kienet li jsawwar poema mibni fuq il-miġja ta' San Pawl f'Malta, imma, bejn taħbit u ieħor, dan ma setax isir. Iżda tul medda ta' 25 sena qatt ma naqas li jikteb, daqqa bit-Taljan u daqqa bil-Malti, xi għanja jew sunett kull sena li, meta nġabru flimkien, ħolqu hekk f'taqsimiet għalihom dak il-poema li ħolom u li xtaq Dun Karm. Kbira l-leħma u kotrana d-dehriet li niltaqgħu magħhom f'dan il-poema ċkejken, biex insejħulu hekk, u sħiħa daqs l-azzar ir-rabta ta' mħabba bejn Malta, Pawlu, u t-Twemmin ta' Kristu :

Bidlu kelma Pawlu u Malta,
Kelma taħraq bħan-nirien :
"Binti," qal il-kbir Appostlu;
"Missier," wieġbet Malta, "hawn jien."

Bis-saħħa tal-Fidi li San Pawl laqqam fil-qalb kollha ħeġġa u ħrara ta' Malta Nisranija, Gżiritna għarfet tegħleb ma' kull żmien kull twegħir, għaks, qoħta, gwerer, mard u ġuħ:

Għalhekk il-lum f'moħħi ħsieb wieħed jitħaddet
Kemm Alla tas-Sewwa kien miegħek ħanin:
Nar wieħed ġo qalbi, Art tiegħi sabiħa:
L-imħabba li tnisslet f'ġurnata bħal din.

* * *

Dun Karm hu wkoll il-poeta li tana l-aħjar sunetti u l-aktar maħdumin bis-sengħa. Hu mexa tista' tgħid dejjem fuq it-tifsila tas-sunetti tal-Petrarka – ħaġa li hu seħħlu jagħmel b'suċċess. Il-liġijiet li jmexxu l-kitba tas-sunett huma fihom infishom għadma iebsa tassew, u wieħed irid iqis ħafna rqaqat ta' tifsil u ta' taqsim, minbarra, m'hemmx għalfejn ngħidu, il-ħsieb għoli u kbir li jrid jinġabar f'daqsxejn ta' erbatax-il-vers kollha bir-rima. Ħafna mill-kittieba tal-poeżija ma rnexxilhomx jiksbu l-isem ta' "sunettieri" mħabba li ma qagħdux, b'sabar u bi studju, jaħdmu s-sunett bis-sengħa u fl-irqaqat tiegħu kollha kif għandu jkun. Bosta drabi l-ħsieb ikun mill-aħjar, iżda ma jagħrfux iħad-

dmuh tajjeb u jqassmuh kif għandu jitqassam. U għalhekk is-sunett joħroġ imġebbed, bla ħajr u bla ħajja.

Imma ħafna mis-sunetti ta' Dun Karm, biex ma ngħidux kollha, fihom dik il-qawwa, il-ħedma, ir-reqqa, is-sengħa, u l-ħsieb li jitlob sunett kbir. Fis-sunetti tiegħu, il-moħħ ħadem daqs kemm ħadmet il-qalb, il-fantasija daqs kemm ħadmet l-imħabba: l-imħabba lejn Alla, lejn Malta, lejn l-Ilsien Malti, lejn dawk li kien igħożż u jqim, u lejn dawk li taw demmhom u ħajjithom għall-ġid u għall-kobor ta' art twelidhom. Sunett li fih tara l-ħila tal-poeta biex ipitter dehriet sbieħ u ħajja li jfiġġu quddiemu, hu bla dubju ta' xejn, "Univers leħor" —sunett li għall-ħlewwa u l-ġmiel tiegħu ma jintemm qatt. Sunetti oħra, kbar fil-ħsieb daqs kemm kbar fl-imħabba li wieħed jislet minn bejn il-versi, huma "Għal Dun Mikiel Xerri", "Lil Mikiel Anton Vassalli", "Lil Malta" u "Dehra tat-Tmienja ta' Settembru". Dun Karm kiteb kotra ta' sunetti oħra, issa "Lill-Madonna tal-Karmnu" li għaliha 'dik il-mara twajba' tatu isimha; issa lil xi qassis ġdid li għadu kemm ħa l-quddiesa; u issa ħsiebu jiġri lejn "Wied Qirda" fejn jara l-mewt għaddejja, jew lejn "Kewkbet is-Safar" jitlobha ddawwal it-triq lill-mitlufin u twassalhom f'darhom bis-sliema, inkella lejn iż-żmenijiet ta' l-imgħoddi f'dik il-"Ħerba" fejn kollox intemm u nqered, biss baqa', mistoħbija, 'tidħak il-Mewt bl-arloġġ u l-minġel f'idha'.

Is-sunett malti Dun Karm għollieh bħalma għollha fil-ġieħ kull xeħta ta' poeżija oħra. Dan mhux tifħir fieragħ. Dan kliem li fix-xerqa kollha joqgħodlu.

* * *

Dun Karm bħala traduttur: L-akbar biċċa xogħol poetika ta' traduzzjoni li Dun Karm tana fil-Lsien Malti hi, ma għandniex xi ngħidu, *I Sepolcri* ta' Ugo Foscolo. Dan kien xogħol mitmum ħames snin wara li ntafa' fuqu b'ruħu u b'ġismu. Il-ħsieb li nebbħu jaqleb dan il-"Carme", tnissel fih fl-1927, sew sew meta l-Foscolo għalaq mitt sena mejjet, u ssaħħaħ fl-1929, egħluq il-mitt sena mill-mewt ta' Mikiel Anton Vassalli. Għalkemm il-vokabbolarju Taljan hu wiesa' wisq aktar mill-vokabbolarju Malti, u għalhekk hi għadma iebsa mhux ftit li tfisser bir-reqqa s-setgħat moħbija li fiha l-poezija foskolina, b'dankollu Dun Karm, dejjem ħsiebu li jagħti ħaġa li tiswa għall-ġid tal-letteratura

maltija, ma qatax qalbu u ndaħal għax-xogħol b'rieda u b'ħeġġa mill-akbar. Fil-*Bibliografia Foscoliana*, *Indice per Materia*, Angelo Ottolenghi jsemmi li saru 61 traduzzjoni ta' *I Sepolcri*. Biex wieħed juri li mhux għalkemm isir il-qlib ta' dan il-Carme, biżżejjed ngħidu li xi wħud mit-traduzzjonijiet inqalbu fi proża għax, minn ewl-id-dinja, hi eħfef tikteb proża minn versi. Miż-żewġ traduzzjonijiet li saru bl-Ingliż, dik ta' Robert Finch (1783-1830) ħaraqha l-awtur in-nifsu wara li lestiha, u l-oħra kellha tieqaf nofs triq.

B'dan il-qlib Dun Karm irnexxielu jagħti tweġiba qawwija u siekta lil dawk li jridu jżommu li l-kelma maltija hi ħarxa u iebsa u qatt ma tlaħħaq ma' dik tal-barranin. Dun Karm wera li, f'idejn tajba u mħarrġa, il-Malti hu għani biżżejjed biex bih jitfissru l-ħsebijiet u s-sentimenti l-aktar nobbli u għolja kif jistgħu jitfissru bla tiġbid f'ilsna oħra barranin li għandhom il-fama li huma aqwa, akbar u isbaħ.

Minbarra din il-poeżija, Dun Karm għamel il-qlib ta' poeżiji oħra mit-Taljan, mill-Ingliż, u mill-Franċiż. Fost oħrajn, mit-Taljan insibu poeżiji ta' Giacomo Zanella u ta' G. Pascoli; u mill-Ingliż poeżiji ta' John Henry Cardinal Newmann, Thomas Hardy, W. Blathwayt, u Miss May Butcher.

* * *

Il-Malti jgħid: mitt bniedem, mitt fehma. U, għalhekk, jista' jkun li ħafna ma jaħsbuhiex xorta meta jiġu biex iqisu l-aqwa poeżija li qatt ħarġet mill-pinna ta' Dun Karm. Ngħid għalija, u din fehma personali tiegħi, "Il-Jien u Lilhinn Minnu" hi l-ogħla biċċa xogħol poetika fil-Lsien Malti. Tolqtok għall-ħsieb oriġinali u fejjiedi li tħaddan, għall-kelma maltija u meqjusa u mirquma li fiha, u għall-qawwa ta' ritmu li tħossu jiġri bla mxattar u bla għeltijiet. Din il-poeżija tiġbor fiha filosofija nisranija, għal kollox kontra dik il-filosofija pagana li ried igħallem Ugo Foscolo. Il "Jien", minfuħ bih in-nifsu, kburi u egoista, qatt ma jasal biex jifhem il-ġmiel u l-kobor li joktru fl-egħġubijiet li jinsabu mxerrda f'għadd bla tarf ġo l-Univers u lilhinn minnu. Minn dan is-suġġett filosofiku Dun Karm sawwar poeżija li fiha hemm imwaħħad, b'sengħa u b'ħila, l-element reliġjuż ma' l-element liriku. Fiha nsibu t-tagħlima kbira: Il-bniedem għandu jħaddem ir-Raġuni u l-Qalb—u mhux il-waħda mifruda mill-oħra—u hekk jagħraf jimxi fit-triq it-tajba li turih id-dawl ta' kif għandu jifhem, jemmen u jħobb.

Wara din, għal dak li hu ħsieb kbir u ġmiel ta' lirika, tiġi "Non Omnis Moriar". Fiha l-poeta jfisser ċar u tond x'ispirah u kif ġie ispirat biex jikteb il-poeżija: 'kien bejn żagħżugħ u tfajjel' meta s-sbuħijiet bostana tan-Natura ħajruh jaqbad it-triq fis-saltna tas-sliem 'bejn wied u raba'. Mhenni u mgħaxxaq f'ħolma ta' seħer ħass tikbes ġo fih u tħeġġeġ xewqa li qatt ma ntfiet mas-snin ta' ħajtu :

"Sehmek il-Għana :
il-Gmiel imxerred fil-Ħolqien saltnatek;
l-hena tiegħek minn Qalbek u minn-Ħsiebek."

Il-Għanja dejjem baqgħet ħierġa tbaqbaq u tagħli bis-saħna ta' l-imħabbiet u bil-qawwa tal-fantasija, sa ma issa l-poeta beda jiekol mill-frott tax-xjuħija, jistenna li jmur jistrieħ f'qabar fejn jista' jkun li kulħadd jinsieh, imma ħaġa waħda biss tfarrġu: li l-Għanja tibqa' Non Omnis Moriar, qal Orazju.

Il-lehma f'din il-poeżija, minsuġa fil-versi mħallta, hi mill-aqwa; il-fantasija għammiela, mibnija fuq sfond ta' xbihat u dehriet ħajja tan-Natura li, int u taqra donnok tarahom mifruxin quddiemek.

* * *

Mhux biss dawn il-poeżiji kbar għamlu lil Dun Karm poeta. Hemm oħrajn, ta' kull xorta, ta' kull tifsila fix-xeħta u fil-ħsieb, u l-għadd ta' dawn hu bla tarf. X'kien li għamel lil Dun Karm poeta? Il-personalità fil-kitba, l-oriġinalità, is-saħħa fil-kelma maltija, u l-qawwa li tagħraf tgħaqqad ħsieb ma' ieħor hekk li togħġob u tgħaxxaq. Kienet din l-oriġinalità li sawret "Il-Musbieħ tal-Mużew", "Warda li tgħid Ġrajjietha"; "Żagħżugħ ta' Dejjem", "Waħda Biss" u "Heros". Kien fid-dawl tal-personalità tiegħu li nħolqu poeżiji bħal "Otia Aestiva", "Il-Ġerrejja u Jien", "Omm", "Poeta", "Il-Għanja tas-Sebgħin", u kotra oħrajn. Kienet dik il-qawwa msaħħra li nsibuha f'"Dell u Dija", "Il-Għanja tar-Rebħa", "Lill-Kanarin Tiegħi", "It-Tifla tar-Raba", u tista' tgħid f'kull waħda oħra mill-poeżiji tiegħu, li turi kif il-Malti jiltewa għall kull ħsieb u għax-xejriet kollha tal-moħħ u tal-qalb.

Imma, fuq kollox, kienet l-imħabba (għax dik li tħoll u torbot) lejn Alla u t-twemmin Tiegħu—it-twemmin qaddis li minnu tnisslu l-ogħla idijali—li ħolqu f'Dun Karm l-oħla sen-

timenti poetiki. Dun Karm ma ħadimx biex ikabbar ismu u jgħolli ġieħu. Ma ħadimx biex quddiemu jinħaraq il-libien ta' tifħir u ta' ħajr. Ħsebijietu kienu wisq ogħla minn hekk. Hu, kif għandu jagħmel kull poeta kattoliku, ħares lejn il-glorja ta' Alla, il-ġid morali u intellettwali lil għajru, u l-ġieħ li bih jista' jerfa' lil Malta u lil-Lsien Malti.

Il-Poeżija tibqa' tgħix maż-żmien u ma tinqeredx. Jittiekel biż-żmien l-azzar u l-bronż u jitfarrku l-imrammi l-iżjed qawwija, iżda ma jintemmx is-*sabiħ*, miktub u mitbugħ. U, għalhekk, jibqa' Dun Karm miftakar fiż-żmenijiet li ġejja. Jibqa' Dun Karm jintgħallem u jixtered fost il-ġenerazzjonijiet li tielgħa. Jibqa' Dun Karm ħaj fis-sens liriku u artistiku. Jien inħossni żgur li 'l quddiem għad ikun hemm ħafna li s'issa għadhom ma tweldux li, mimlijin b'ġibda poetika u filosofika, jaħdmu biex iżommu ismu u l-poeżija tiegħu filgħoli bħalma huma miżmumin il-lum. Il-lirika ta' Dun Karm titqiegħed quddiem iż-żgħażagħ tal-lum u ta' għada bħala xempju mill-aqwa u bħala tagħlim mill-aħjar talħsieb għoli u tal-kitba sabiħa.

ĠUŻÈ CHETCUTI.

# "IS-SUR FONS" M. GALEA

"Is-Sur Fons miet!" Din l-aħbar ġriet bħal sajjetta fi bliet u fi rħula, u tefgħet fost kull min kien jafu bħal dell ta' niket. U ħafna kienu jafuh: għonja u fqar, kbar u żgħar; u kulħadd sogħob bih, għax kulħadd, ftit jew wisq, min b'mod u min b'ieħor, ra xi ssarraf il-ħniena tiegħu. Għex ħajja ta' 80 sena, ħajja twila u mbierka mimlija ħidma sfiqa għall-ġid ta' lsienna u għall-ġid ta' ġensna. Is-Sur Fons kiteb bil-Malti, u ħadem u għanet bis-sħiħ biex ixerred ilsienna fost il-kotra. Il-ħsieb ewlieni tiegħu kien li jikteb biex igħallem lill-poplu ċ-ċkejken, lill-poplu ta' ftit tagħlim, li ma jafx ħlief jaqra bil-Malti.

Fost il-għadd kbir ta' kotba li ħareġ, l-aktar li xterdu huma, bla dubju ta' xejn, il-*Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien*,

150 ktieb b'kollox, 48 minnhom miktuba minnu. Qaleb fil-Malti ħafna mill-*Kotba Mqaddsa*, u oħrajn li għandhom x'jaqsmu magħhom bħalma huma: *Żmien il-Profeti* (1924), *Tagħlim ħafif fuq il-qari tal-Bibbja* (1932), *Tagħlim żgħir ieħor fuq il-Kotba tal-Bibbja* (1933), *Tagħlim ta' Gesù meħud mill-Vanġelu* u *Tagħlim tal-Appostli* (1934), *Ħajja ta' Kristu Iben ta' Alla* (1933), *Gesù u l-Appostli tiegħu* (1938), *Minn Ħolqien id-Dinja sal-Miġja ta' Kristu* (1939). U ma' dawn bosta oħrajn ta' ġid għar-ruħ.

Hu dejjem ħadem fuq sies ta' kitba reliġjuża, għax dejjem ried minn qalbu jgħallem ir-reliġjon ta' Kristu, u jxerred fost il-kotra t-tagħlim fejjiedi u mqaddes Tiegħu. Mill-kotba kollha li ħareġ nistgħu nisiltu tliet imħabbiet qaddisa: l-imħabba lejn Alla marbuta ma' l-imħabba ta' Malta mwaħħda ma' l-imħabba ta' Lsien art twelidna.

Nistħajjel, fl-aħħarnett, xi ħadd isaqsi: Għaliex is-Sur Fons qatt ma kien membru tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"? U għaliex qatt ma kiteb bl-ortografija tal-"Għaqda"? Li nista' ngħid, u nan ngħidu għax qaluli hu n-nifsu meta għamiltlu dawn iż-żewġ mistoqsijiet xħin darba kont inkellmu : mhux għax ma kienx jaqbel magħna, u mhux għax l-ortografija tagħna ma kinetx togħġbu, imma għax ma riedx jitbiegħed mill-ortografija li kien ġa qabad u li biha kien diġà ħareġ għadd sabiħ ta' kotba.

Hu miet, iżda l-kitba tiegħu, frott ta' ħajja bieżla, u l-ġid li ħafna ħasslu minnha, ma jintemmu qatt. Imut il-kittieb imma l-kitba tibqa'.

ġ. c.

---

Jisgħob bina nħabbru l-mewt bla mistennija ta' Salvu Agius, wieħed mill-membri akkademiċi tal-"Għaqda" tagħna. Kien kittieb ta' għadd ta' perjodiċi bil-Malti, fosthom "Santa Tereża tal-Bambin Ġesù", "San Ġużepp", "Il-Purgatorju", "Il-Madonna ta' Pinu", "Il-Volto Sant", u oħrajn. Ħareġ rebbieħ f'xi konkorsi letterarji, darba minnhom fil-Konkors tan-Novelli mniedi mill-"Ġabra ta' Qari Malti", u darbtejn oħra fil-"Pronostku Malti". Kien ukoll kittieb ta' xi poeżiji li għalkemm jidhru li ma huma xejn għolja fil-qawwa tal-ħsieb, iżda jidher li min kitibhom kellu ħajra u xejra ġmielha għall-poeżija maltija.

# ALLA W ART TWELIDNA

*Werqa rand lil Dun Karm, Poeta.*

L-ewwel u l-oħla dmir li tħobb lil Alla
  għax minnu d-dawl utieq li jtik il-ħajja:
  Alla fi ħsiebek, mat-tektik ta' qalbek,
                Alla ma' dwarek.

Tinsiex, ja bniedem, li Qawwa wisq akbar
  mill-qawwa tiegħek, nisġet ward u ħdura
  f'medda raba' bla tarf; u tat ħuġġieġa
                ta' lwien sabiħa

lill-ġonna jidħku d-daħka tar-rebbiegħa;
  xeħtet il-ħlewwa għaslija f'ħalq in-naħla,
  w għallmet lill-bhejjem jaħdmu miegħek,—miegħek
                fil-ħidma tqila.

Tinsiex, xħin jisbaħ, illi x-xemx li tielgħa
  f'deħra tal-għaġeb bin-nirien mixgħula,
  li Id imqaddsa wrietha t-triq mnejn tgħaddi
                għad-dinja tagħna,

sabiex tkebbes id-dawl, u tferragħ l-hena
  fid-djar, fuq wileġ, kullimkien, fil-beraħ;
  sabiex tfarraġ il-qlub, u tnessi d-diqa
                wid-dlam tal-ħajja.

Int taf l'hemm Alla: tħoss, ħanina, Kelmtu
  nieżla ġo ruħek meta mbikki w kiebi,
  bħall-ilma bnin li jaħsel ġerħa u jtaffi
                il-ħruq tal-weġgħa.

Hemm Alla: ssibu meta fuq is-sodda
  bl-uġigħ titkagħweġ; u fid-djar li jibku
  fil-faqar u fil-ġuħ issibu jhenni
                il-qlub imnikkta.

Meta jirbħek id-dnub, u s-saħta tiegħu
  tħossha rabbiet egħruq ħoxnin ma' demmek,
  ftakar: hemm Alla. Hobb, u f'sidrek jinżel
    il-ġmiel tal-maħfra.

L-ewwel u l-oħla dmir li tħobb lil Alla
  għax Minnu d-dawl utieq li jtik il-ħajja;
  Alla fi ħsiebek, mat-tektik ta' qalbek,
    Alla ma' dwarek.

Dmir ieħor għandek, kbir daqs kemm imbierek,
  l-għożża lejn l-Art li minnha ħadt twelidek.
  Aħdem b'qalb riedja għall-ġieħ tagħha u tiegħek,
    żomm għoli ġieħha,

il-ġieħ li kisbu b'demmhom nies qalbiena,
  li bħalek kienu wlied din l-art ta' ħdura;
  fil-għawġ, fil-ħsara qatt tisħet ix-xorti
    li int bin Malta.

Is-swar li jdawru dil-gżira ta' dija
  li hija ommok, jixhdu l-qedem tagħha:
  waqgħu saltniet, inqerdu ġnus bil-kotra,
    'ma ġensek baqa'

bla mtiefes f'dinu, w fid-drawwiet qadima,
  għalkemm taż-żmien għaddew ħalel qalila;
  tal-Għarbi mqit u tal-Mislem ħajjieni
    tfarrket il-qawwa.

Il-lum fuq Artna reġa' s-sħab tal-gwerra
  qalil, tal-biża', jarmi mewt u ħerba;
  imm'għad jinżel l-għadu għarkubtejh jitmiegħek
    jittallab: Paċi !

Oh fehma tal-azzar li ħriġt rebbieħa
  mal-medda ta' kull żmien, ixgħel ġo ruħna
  w ixħet id-dawl tar-rebħiet kbar li ħasslu
    misserijietna !

Ġużè Chetcuti

## It-Traduttur Anzjan ta' Dokumenti bil-Malti

Ma' tmiem Ottubru sar l-eżami ta' Skrivan u Traduttur Anzjan ta' Dokumenti bil-Malti. Jidhrilna li bħala rivista li l-għan ewlieni tagħha hu t-tmexxija 'l quddiem tal-Lsien Malti, għandna l-akbar jedd li nitkellmu dwar dan il-post li minnu l-Malti jiddependi ħafna. Min għandu fi ħsiebu l-għażla tal-bniedem xieraq għal dan il-post, għandu joqgħod b'għajnejh miftuħa u jara fuq kollox li jkun bniedem imħarreġ tajjeb fil-Lsien Malti, li l-Malti jiktbu bla tbatija xejn, u li jaf l-Ilsien Ingliż sew.

Dnub li post bħal dan iridu jqisuh minn eżami ta' sagħtejn, u mhux minn ħajja sħiħa ta' xogħlijiet li jkun għamel il-bniedem. Għax post bħal dan jitlob bniedem li ġa għandu sengħa u prattika kbira fit-traduzzjonijiet bil-Malti. Kieku l-Gvern stħarreġ il-każ sewwa qabel ma ntħarġet it-tagħrifa għall-eżami, naħsbu li, għall-ġid ta' lsienna, kien ikun jaqbel aktar. Dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Malti, aħjar jitħalla f'idejn min jifhem... *u f'idejn min jifhem biss.*

## "Razju Vidal" ta' E. Serracino Inglott.

Is-Sena 1941 ftit u ftit wisq rat kotba bil-Malti. Imħabba ż-żminijiet imħarbta li għaddejjin minnhom, wieħed jifhimha li hi ħaġa iebsa biex il-moħħ għajjien u mxerred tal-kittieba jista' jikkunċentra ruħu ħalli joħloq xogħlijiet oriġinali. Iżda, sewwa sew fl-aħħar jum tas-sena deher fis-suq ta' kotba Maltin id-dramm "Razju Vidal" ta' Erin Serracino Inglott. Il-kitba ta' drammi bil-Malti batiet qatigħ u għaddiet minn żminijiet koroh ħafna mħabba li min tħajjar jikteb drammi bil-Malti ma kellux, l-ewwelnett, sies letterarju qawwi, u t-tieni, ħsiebu kien fuq kollox il-qligħ tal-flus. L-ewwel wieħed li tbiegħed minn din il-karfa ta' kitba kien Ninu Cremona meta fl-1936 ħareġ "Il-Fidwa tal-Bdiewa". Erin Serracino Inglott qabad hu wkoll it-triq it-tajba fil-kitba tad-drammi, u tana dramm li, għal dak li hu xogħol, għal dak li hu ħsieb, u għal dak li hu stil u ħidma ta' versi, ma fihx ħlief xi tfaħħar. Hu mibni fuq sfond storiku—Malta fi żmien il-Kavalieri—iżda l-karattri u l-ġrajjiet m'huma xejn storiċi. Il-kittieb żamm ruħu maħlul mill-irbit ta' l-istorja, u ttajjar u meraħ kif għoġbu fil-qasam tal-ħsieb u tal-fantasija. Il-ktieb maħdum tajjeb ħafna fuq il-versi maħlula tal-ħdax. Min issa ser jindaħal biex jagħtina dramm isħor tajjeb? Dix-xorta ta' kitba neħtiġuha wisq.

# WERREJ
# TAS-SBATAX-IL SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| La hemm il-Ward hemm il-Ħajja | | 3 |
| Prof. Kan. G. Theuma-Relf | | 3 |
| *Mi-ka-el* | Dun Karm | 5 |
| Wenzu jsib lil Luċija f'Lazzarett | Dun Pawl | 6 |
| *Għad jerġa' jisbaħ* | **** | 12 |
| *Għaliex mela...!?* | Dun Karm | 13 |
| *Merħla Ngħaġ* | Ġużè Chetcuti | 13 |
| Biċċa mill-"Paradise Lost" ta' Milton | Ġużè Galea | 14 |
| *Nocturne* (II) | Ġużè Chetcuti | 17 |
| *Għaliex ?* | Ġorġ Pisani | 18 |
| Għaliex inħobb l-Ilsien Malti ? | P. Pawl Tabone o.f.m | 19 |
| *Fuq ix-Xtat ta' Wied Abbas* | A. Cremona | 22 |
| *Innu lil Sidtna Marija tal-Għar* | Dun Karm | 29 |
| Tagħrifa Filoloġika | M. D. C. | 30 |
| X'igħid il-Malti | G. Z. A. | 30 |
| *L-Għanja tal-Mewġ* | Ġużè Chetcuti | 31 |
| 'Leħen is-Sewwa' u l-Ortografija Tagħna. | | 32 |
| Iva, fir-Rebbiegħa | | 33 |
| *Fis-7 ta' Mejju, 1941* | Dun Karm | 34 |
| *Malta Invicta* | Ġużè Chetcuti | 35 |
| Ħidma ta' Sena | ,, ,, | 36 |
| *Lwien* | Ġorġ Pisani | 39 |
| *Binti* | Karmenu Vassallo | 40 |
| Tifel tal-Baħar | Ġużè Galea | 43 |
| *Ieqaf mill-Ġlied* | **** | 50 |
| L-Ewwel Ġibda. | G. Zarb Adami | 51 |
| *Mara* | Ġużè Chetcuti | 55 |
| *Il-Fiat ta' Marija* | R.M.B | 56 |
| Kotba li waslulna | | 56-82-144 |
| X'Nixtiequ | | 57 |
| *Il-Gwerra* | Ġużè Chetcuti | 59 |
| B'Tifkira tas-Sur Fons M. Galea | P.P. Saydon | 60 |

| | | faċċata |
|---|---|---|
| *Paċi u Gwerra* | Dun Karm | 61 |
| Ħobżna ta' Kuljum | Ġużè Galea | 64 |
| It-Tabib Ġużè Bonnici | | 69 |
| *E—Boats* | Dun Karm | 70 |
| Il-Għarqa | P. Pawl Tabone o.f.m. | 71 |
| *L-Għolja* | Ġorġ Pisani | 74 |
| Edukazzjoni Nisranija | Z. A. | 75 |
| "*Air Raid*" *bil-Lejl* | J. Delia, S.J. | 77 |
| Missirijietna u Aħna | Brother Amedy | 80 |
| *Ilħna ta' Qniepen* | Ġużè Chetcuti | 83 |
| *Għanjet in-Nies b'ġieħ lil S. Duminku* | Mag. | 83 |
| *Jien u Naqra l-Poeżija ta' Dun Karm* | Ġużè Chetcuti | |
| *Musbieħ il-Lejl* | ,, ,, | 84 |
| Dun Karm. | P. P. Saydon | 85 |
| *Il-lum* | Dun Karm | 87 |
| *Il-Għanja tas-Sebgħin* | Dun Karm | 88 |
| Dun Karm. | A. Cremona | 90 |
| *Lil Ġużè Chetcuti* | Dun Karm | 95 |
| 'V' li tfisser Vittorja. | Ġużè Galea | 96 |
| *Għanja tal-Milied* | P. Alb. M. Grech O.P. | 103 |
| 'Sopra una conchilia fossile' ta' Zanella w 'Il-Musbieħ tal-Mużew' ta' Dun Karm | K. Sant | 104 |
| *Xewqa fil-milja ta' Ħajti* | M. Agius | 109 |
| *Minn Dawl il-Qalb...* | Ġużè Chetcuti | 110 |
| *It-Tarbija Rieqda* | ,, ,, | 111 |
| Mill-Ħerba tal-Ġebel għall-Qawma tar-Ruħ | A. Cremona | 112 |
| *Il-Għelma tal-Ħelsien* | Ġużè Chetcuti | 135 |
| Il-Ġmiel Letterarju fil-Poeżija ta' Dun Karm | ,, ,, | 136 |
| Is-Sur Fons M. Galea | ,, ,, | 142 |
| *Alla w Art Twelidna* | ,, ,, | 144 |
| It-Traduttur Anzjan ta' Dokumenti bil-Malti | | 146 |
| "Razju Vidal" | | 146 |
| Werrej tas-Sbatax-il Sena | | 147 |

# "Għaqda tal-Malti" ġdida

Dan l-aħħar twaqqfet *Għaqda tal-Malti* oħra minn xi Ex-Apprentices tad-Dockyard li huma magħrufa għall-kitba tagħhom bil-Malti.

Fi ftit kliem, il-ħsieb tal-Għaqda l-ġdida huwa kulturali, u hi għaqda ta' Ex-Apprentices u impjegati oħra industrijali tad-Dockyard li jħobbu jiktbu bil-Malti, l-aktar kitba letterarja u teknika, jew li għall-anqas studjaw u jafu mhux ħażin kif jiktbu bil-Malti. B'hekk il-Għaqda l-ġdida għandha xeħta għaliha mill-għaqdiet tal-Malti l-oħra

Din il-*Għaqda tal-Malti* oħra jogħġobha ħafna li twaqqfet fl-1941, is-sena li taħbat għeluq il-mitt sena ta' ġrajja tal-Malti (April 1841) li għaliha s-*Società Medica* ta' dak iż-żmien hija wkoll magħrufa bħala l-ewwel *Għaqda tal-Malti* li nibtet fil-Gżira tagħna. Il-Għaqda l-ġdida twaqqfet ukoll bil-ħsieb li timxi fuq dak li ħajret il-"*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*" fil-waqt li tgħin ukoll sa fejn tista' l-fehmiet tal-Għaqdiet tal-Malti l-oħra li twaqqfu s'issa.

L-Istatut qed jithejja, iżda dawk li jridu tagħrif aktar issa, jistgħu jiktbu lis-Segretarju-organizzatur, 57, Triq Preziosi, Lija.

M. Agius
Segretarju-Organizzatur.

## Ħbieb u Egħdewwa

Ma' tul il-ħajja, l-Ilsien Malti, dejjem
Sab min fit-triq tar-rebħ jiqaflu sewwa,
'Ma b'feħma sħiħa tħabtu l-Ħbieb u għelbu
L-għira wil-qilla ta' l-eħrex Egħdewwa.

Il-lum ukoll, għalkemm il-Ħbieb kotrana,
Baqa' l-Egħdewwa li qed ifixkluna:
Jaħdmu minn taħt, għax issa dan sar xogħolhom.
Meta fis-sliem u r-riżq ser iħalluna?

Jinbiegħ 1/-